IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.2.2017
COM(2017) 94 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-investigazzjoni relatata mal-manipulazzjoni tal-istatistika fl-Awstrija b'referenza għar-Regolament (UE) 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2016)

{SWD(2017) 105 final}

Werrej

Sommarju eżekuttiv 3

1. Introduzzjoni 8

1.1. Sfond 8

1.1.1. Dispożizzjonijiet u prinċipji rilevanti tal-liġi tal-UE 8

1.1.2. Fatti u proċedura 10

1.2. L-investigazzjoni formali tal-Kummissjoni fil-manipulazzjoni suspettata tal-istatistika fl-Awstrija kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 11

2. Sejbiet ewlenin 14

2.1. Ħarsa ġenerali tal-pożizzjonijiet ġenerali ta' Land Salzburg: 2002-2012 14

2.2. Responsabbilitajiet istituzzjonali ta' Land Salzburg 20

2.2.1. L-għoti tas-setgħat 21

2.2.2. Monitoraġġ intern 23

2.2.3. Monitoraġġ mil-LRH 24

2.3. Il-Ġestjoni Finanzjarja ta' Land Salzburg fil-perjodu tal-2002-2012 25

2.3.1. Il-prinċipju ta' erba' għajnejn 25

2.3.2. Frodi ta' firem u falsifikazzjoni ta' dokumenti 27

2.3.3. Kontijiet ekstra-baġitarji 27

2.3.4. Self mill-OeBFA lil Land Salzburg 29

2.3.5. Reġistrazzjoni ta' titoli (obbligazzjonijiet) 32

2.3.6. Derivattivi finanzjarji 32

2.4. Deskrizzjoni tal-avvenimenti fil-perjodu ta' bejn Mejju 2012 u Diċembru 2012 34

2.5. Diċembru 2012 sa Ottubru 2013: il-fatti kif irreġistrati minn STAT 36

2.5.1. Informazzjoni tal-Kummissjoni 39

3. Valutazzjoni tas-sejbiet 41

3.1. Konklużjonijiet rigward l-atturi ewlenin involuti fl-avvenimenti deskritti 41

4. Konklużjonijiet 45

Noti tal-aħħar 46

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fit-3 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni Ewropea nediet investigazzjoni formali rigward il-possibbiltà ta' manipulazzjoni tal-istatistika f'Land Salzburg[1], l-Awstrija. Din id-Deċiżjoni ttieħdet skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro f'kombinazzjoni mad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678/UE tad-29 ta' Ġunju 2012 dwar l-investigazzjonijiet u l-multi marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

L-investigazzjoni kellha l-għan li tivvaluta jekk l-indikazzjonijiet serji ta' rappreżentazzjoni ħażina ta' dejta dwar id-defiċit u d-dejn fl-2012 setgħux jiġu kkonfermati u, jekk iva, jekk dan kienx riżultat ta' negliġenza maħsuba jew ta' negliġenza serja.

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tal-Kummissjoni fid-dawl tal-investigazzjoni mwettqa, flimkien mal-fatti ewlenin li jappoġġjaw dawn is-sejbiet. L-osservazzjonijiet bil-miktub imressqa mir-Repubblika tal-Awstrija dwar il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni, huma mehmuża mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni annessi mar-rapport, u l-osservazzjonijiet ġew debitament ikkunsidrati meta dan tqies relevanti[2]. Ir-rapport fih deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet ewlenin għar-reviżjonijiet tad-dejn tal-gvern tal-Awstrija fin-Notifika EDP ta' April 2014, li jammonta għal EUR 1 192 miljun għall-2012, EUR 879 miljun għall-2011 u EUR 523 miljun għall-2010, fuq il-bażi ta' analiżi tal-kumpilazzjoni, kontroll u rapportar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji f'Land Salzburg.

Il-konklużjonijiet ewlenin huma li fil-kumpilazzjoni, fil-kontroll u fir-rapportar ta' tranżizzjonijiet finanzjari kif ukoll mhux finanzjarji f'Land Salzburg, għal diversi snin, seħħew irregolaritajiet serji, b'mod partikolari permezz tal-ħabi ta' kontijiet bankarji, tal-assi u tal-finanzjament meħtieġa tagħhom, li fl-aħħar mill-aħħar wasslu għall-ħabi u rapportar ħażin dwar il-passivi relevanti tad-dejn ta' Maastricht[3]. B'negliġenza serja, ir-regoli tal-

[1] Meta ssemmi "Land Salzburg" f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni mhijiex qed tirreferi għall-istat Awstrijak ta' Salzburg bħala tali jew għall-popolazzjoni tiegħu, iżda pjuttost għall-entitajiet involuti għall-kumpilazzjoni diretta jew indiretta ta' dejta dwar id-defiċit u d-dejn, jiġifieri l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, u l-Gvern Statali ta' Land Salzburg.

[2] Għandu jiġi nnutat li kull kontro-referenza fl-osservazzjonijiet bil-miktub għal numru tal-paġna se tkun in-numru tal-paġna tas-sejbiet preliminari.

[3] Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ĠU L 145, 10.6.2009, p.1, l-indikatur huwa definit bħala d-dejn gross konsolidat tal-gvern ġenerali fil-valur nominali, pendenti fl-aħħar tas-sena, fil-kategoriji ta' djun tal-obbligi tal-gvern (kif definit fl-ESA 2010): valuta u depożiti, titoli ta' dejn u self. Is-settur tal-gvern ġenerali jinkludi s-sottosetturi: il-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali.

kontabbiltà pubblika ma ġewx segwiti, il-kontroll kien nieqes, tranżazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji ma ġewx irrapportati b'mod xieraq, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri Awstrijaka ġew injorati. Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni ġiet intenzjonalment iffalsifikata u, intenzjonalment, intbagħtet informazzoni qarrieqa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri Awstrijaka (RH). Għalhekk, għal mill-inqas ħames snin, ġara li l-Awstrija rrapportat livell aktar baxx ta' dejn tal-gvern lill-Kummissjoni (Eurostat) minn dak li huwa attwalment korrett, u dan ammonta għal rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta dwar id-dejn rilevanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 121 jew 126 TFUE, jew għall-applikazzjoni tal-Protokoll 12 anness mat-TEU u t-TFUE (jiġifieri għal rappreżentazzjoni ħażina tad-dejn ta' Maastricht u tar-Repubblika tal-Awstrija) skont l-Artikolu 8 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011. Ir-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejn tal-gvern tal-Awstrija kienet, sa tmiem l-2012, ekwivalenti għal EUR 1 192 miljun[4].

Ir-rapport jistabbilixxi li, mis-sena 2002, is-setgħat eżekuttivi u leġislattivi f'Land Salzburg rispettaviment aġixxew u lleġiżlaw b'mod li ta poteri bla limitu lid-Dipartiment Finanzjarju ta' Land Salzburg, sabiex jidħol u jikkonkludi transazzjonijiet finanzjarji b'riskju għoli ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, għal ħin illimitat u ammonti illimitati. Fl-istess ħin, id-Dipartiment Finanzjarju kien, permezz ta' digriet, eżentat milli jkun immonitorjat mill-Awditu Intern ta' Land Salzburg li, skont il-konstatazzjonijiet tal-RH tar-rapport tal-awditjar tad-9 ta' Ottubru 2013, huwa *"kontra r-regoli tas-soltu fl-amministrazzjoni pubblika*" u *"kkontribwixxa għall-eżistenza ta' lakuni severi ta' kontroll f'oqsma finanzjarjament rilevanti"*.

Ir-rapport jistabbilixxi li l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (*Amt der Salzburger Landesregierung*) u l-Gvern Statali ta' Land Salzburg (*Salzburger Landesregierung*) kellhom rwol ewlieni fl-avvenimenti madwar in-nuqqas tar-reġistrazzjoni u n-nuqqas ta' rapportar ta' tranżazzjonijiet u stokks. L-involviment ta' istituzzjonijiet oħrajn, jiġifieri l-Qorti tal-Awditjar reġjonali (*Salzburger Landesrechnungshof*), Statistics Austria (*Statistik Austria*), il-Bank Ċentrali tal-Awstrija (*Österreichische Nationalbank*) u l-Aġenzija Federali ta' Finanzjament Awstrijaka (*Österreichische Bundesfinanzierungsagentur*), huwa diskuss ukoll fir-rapport.

Sejbiet prinċipali oħrajn huma ppreżentati wkoll f'dan ir-rapport. Anki jekk fin-notifika EDP ta' April 2014, id-dejn ta' Maastricht ġie rivedut għas-snin 2010-2012, jidher li r-rapportar ħażin tad-dejn, kif ukoll possibbilment id-defiċit, seta' beda tal-anqas mill-2008 'il quddiem, u li l-livell tad-dejn ta' Maastricht ippreżentat mill-awtoritajiet tal-istatistika Awstrijaċi għas-snin 2008 u 2009 għadu sottovalutat.

Fl-aħħarnett, ir-rapport jikkonkludi li filwaqt li l-Kummissjoni (Eurostat) ġiet infurmata biss fuq dan il-każ fl-10 ta' Ottubru 2013, l-awtoritajiet tal-istatistika Awstrijaċi kienu konxji tal-possibilità ta' rappreżentazzjoni ħażina tal-kontijiet ta' Land Salzburg minn, tal-inqas, is-6 ta'

[4] Kif ukoll ammont minuri ta' 7 miljun euro safejn ir-rappreżentazzjoni ħażina tad-defiċit tal-gvern hija kkonċernata

Diċembru 2012. Ir-rapport jikkonkludi wkoll li Statistics Austria u l-Bank Ċentrali Awstrijak kienu t-tnejn konxji ta' inkonsistenzi mdaqqsa fid-dejta rrappurtata minn Land Salzburg, qabel 'l hekk imsejjaħ "skandlu finanzjarju" sar pubbliku fl-aħħar tal-2012.

Abbażi tas-sejbiet f'dan ir-rapport, rigward l-imġiba tal-awtoritajiet tal-Istat Membru fil-perjodu mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 fit-13 ta' Diċembru 2011 sat-tnedija tal-investigazzjoni fit-3 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li tadotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jimponi multa fuq ir-Repubblika tal-Awstrija, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

Lista ta’ akronimi użati

Akronimu	Ġermaniż	Ingliż
EDP	Verfahren bei einem übermäßigen Defizit (VÜD)	Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv
ESA	Europäische System Volkswirtschaftlicher Gesamtrechnungen (ESVG)	Is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet
LRH	Landesrechnungshof	Il-Qorti tal-Awditjar tal-Istat (f’dan id-dokument il-Qorti tal-Awdituri ta’ Land Salzburg)
BMF	Bundesministerium für Finanzen	Ministeru tal-Finanzi Awstrijak
OeNB	Oesterreichische Nationalbank	Il-Bank Ċentrali tal-Awstrija
OeBFA	Österreichische Bundesfinanzierungsagentur	Aġenzija Federali tal-Finanzjament Awstrijak
RH	Rechnungshof	Qorti tal-Awditjar [Federali] Awstrijaka
STAT	Statistik Austria	Istitut Nazzjonali tal-Istatistika tal-Awstrija
SLH	Salzburger Landes - Hypothekenbank AG	-
VRV	Voranschlags- und Rechnungsabschlussverordnung	Regolament Awstrijaku dwar il-Baġit u Kontijiet Magħluqin ta’ Gvernijiet Statali u Lokali

Lista ta' tabelli u ċarts

Tabella 1: L-obbligazzjonijiet ta’ Maastricht ta’ Land Salzburg għas-snin 2002-2012

Tabella 2: Imgħax riċevibbli u pagabbli ta’ Land Salzburg għas-snin 2002-2012

Ċart 1: Flussi tal-flus fil-kontijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (miljun EUR)

Lista ta’ dokumenti mehmuża

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Osservazzjonijiet tar-Repubblika tal-Awstrija dwar is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni marbuta mal-manipulazzjoni tal-istatistika fl-Awstrija

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

1.1.1. Dispożizzjonijiet u prinċipji rilevanti tal-liġi tal-UE

1. L-Istati Membri huma obbligati li jirrapportaw id-dejta annwali tagħhom dwar id-defiċit u d-dejn darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni (l-Eurostat), b'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri Ewropej dwar l-istatistika (Sistema Ewropea tal-Kontijiet, ES[5]).

2. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura dwar l-iżbilanċ eċċessiv, anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[6], "*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data attwali rappurtata lill-Kummissjoni (l-Eurostat) tkun provduta skont il-prinċipji stabbiliti bl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. F'dan ir-rigward, ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet statistiċi nazzjonali tkun li jiżguraw konformità tad-data rappurtata mal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u mar-regoli ta' kontabilità tal-ESA 2010 li fuqhom tkun ibbażata".*

3. Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni (Eurostat) l-iżbilanċi ppjanati u attwali tal-gvern tagħhom u l-livelli tad-dejn tal-gvern tagħhom darbtejn fis-sena, l-ewwel darba qabel l-1 ta' April tas-sena attwali (sena n) u t-tieni darba qabel l-1 ta' Ottubru tas-sena n.Id-dejta pprovduta fis-sena n tikkonċerna s-snin n-1, n-2, n-3 u n-4.

4. Mit-13 ta' Diċembru 2011, ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011[7] dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tniedi investigazzjonijiet jekk ikun hemm indikazzjonijiet serji ta' manipulazzjoni tal-istatistika, b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza serja. Ċerti kriterji, proċeduri u regoli rilevanti għat-twettiq ta' dan il-mandat ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011, investigazzjonijiet bħal dawn jistgħu jwasslu għal rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill fis-sens li l-Kunsill għandu jimponi multa fuq l-Istat Membru. Il-multa li għandha tiġi rrakkomandata tiġi kkalkolata mill-Kummissjoni iżda l-Kunsill għandu l-aħħar kelma

[5] Ir-rapportar rilevanti deskritt fil-każ attwali sar skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p.1, (ESA 95). Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 174, 26.6.2013, p.1, (ESA 2010) huwa applikabbli mill-1 ta' Settembru 2014 'il quddiem.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ĠU L 145, 10.6.2009, p.1.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro, ĠU L 306, 23.11.2011, p.1.

dwar l-impożizzjoni u l-ammont tagħha. F'każ li jinstab li l-Istat Membru rrappreżenta ħażin b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja d-dejta dwar id-defiċit u d-dejn tiegħu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jimponi multa sa 0.2 % tal-GDP fuq dak l-Istat Membru.

5. Il-Kummisjoni tqis, b'mod ġenerali, li negliġenza serja tista' tikkonsisti fil-ksur tal-privattivi tal-obbligu ta' diliġenza ta' persuna responsabbli għall-produzzjoni ta' dejta tad-defiċit u tad-dejn tal-gvern ġenerali, kif imsemmi fil-premessa 10 tad-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummisjoni 2012/678, iżda tista' tikkonsisti wkoll f'defiċjenzi serji fl-organizzazzjoni tal-flussi ta' dejta bejn l-entitajiet pubbliċi u l-awtoritajiet tal-istatistika, li jinkludu arranġamenti fir-rigward tar-responsabbilità ta' uffiċjali nazzjonali u persunal involut f'dawn il-flussi tax-xogħol, il-verifika ċentrali ta' dejta tal-kontabbilità minn Stati Membri fil-livelli kollha ta' gvern ġenerali, u sistemi ta' superviżjoni u kontroll robusti u effettivi fuq livell nazzjonali.

6. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet b'mod konsistenti li Stat Membru ma jistax jippreżenta kundizzjonijiet eżistenti fi ħdan is-sistema legali tiegħu sabiex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mil-liġi tal-UE. Filwaqt li kull Stat Membru huwa liberu li jalloka oqsma tal-kompetenzi legali interni kif iqis xieraq, jibqa' l-fatt li dan waħdu huwa responsabbli lejn l-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 258 TFUE għall-konformità mal-obbligi li jirriżultaw taħt il-liġi tal-UE [8].

7. Fuq nota simili, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tar-responsabbilità tal-Istati Membri li jagħmlu tajjeb għat-telf u l-ħsarat ikkawżati lill-individwi permezz ta' ksur tal-liġi tal-UE li għalihom jistgħu jinżammu responsabbli (eż. in-nuqqas li jiġu trasposti d-direttivi), li r-responsabbilità tal-istat tapplika għal kwalunkwe każ li fih, Stat Membru jikser il-liġi tal-UE, "*ikun xi jkun l-organu tal-Istat li l-att jew l-ommissjoni tiegħu kienet responsabbli għall-ksur"* [9]. Għalhekk, "[a] *Stat Membru ma jistax [...] jippreżenta t-tqassim tas-setgħat u r-responsabbilitajiet bejn il-korpi li jeżistu fis-sistemi legali nazzjonali tiegħu sabiex jinħeles mir-responsabbilità fuq dik il-bażi"*[10]. Prinċipji simili għandhom japplikaw b'analoġija għar-responsabbilità tal-Istati Membri għall-manipulazzjoni tal-istatistika, u huwa għalhekk suffiċjenti li tiġi stabbilita tali responsabbilità li r-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta hija r-riżultat ta' intenzjoni jew negliġenza x'imkien fis-settur tal-gvern.

1.1.2. Fatti u proċedura

8. Fl-aħħar tal-2012, il-Qorti Federali Awstrijaka tal-Awditjar (iktar 'il quddiem "RH") nediet verifika fil-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg. L-awditu wettaq skrutinju aktar

[8] Kawża C-33/90, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs ir-Repubblika Taljana, [1991] Ġabra I-05987, paragrafu 24.

[9] Kawżi konġunti C-46/93 u C-48/93, Brasserie du pêcheur/Factortame, [1996] ECR I-01029, paragrafu 32.

[10] Każ C-302/97, Konle, [1999] ECR I-03099, paragrafu 62.

iddettaljat tas-sistemi ta' kontroll interni u tal-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg, fejn indirizza r-reġistrazzjonijiet ta' transazzjonijiet fil-kontijiet pubbliċi, il-profil tar-riskju tagħhom u l-ġestjoni tal-flus kontanti relatata tagħhom, li ġie segwit minn konferenza stampa minn uffiċjali ta' Land Salzburg dwar l-allegati azzjonijiet illegali mill-Kap tal-Unità tal-Baġit. Barra minn hekk, l-awditu involva eżerċizzju ta' inventarju fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji miftuħa ta' Land Salzburg mill-31 ta' Diċembru 2012 u fir-rigward tar-riżultati tat-terminazzjoni bikrija ta' operazzjonijiet finanzjarji li seħħew fl-aħħar tliet xhur tal-2012.

9. Fid-9 ta' Ottubru 2013, l-RH ippubblikat ir-rapport tagħha dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Land Salzburg[11] li indika sensiela ta' irregolaritajiet fil-kumpilazzjoni, fil-monitoraġġ u fir-rapportar tat-tranżazzjonijiet finanzjarji fl-Istat ta' Salzburg, li seħħew matul diversi snin. Wara s-sejbiet tal-RH, il-Kummissjoni (Eurostat) għamlet kuntatt immedjatament ma' Statistics Austria (minn hawn 'il quddiem "STAT"), li pprovdiet aktar informazzjoni matul il-jiem ta' wara. Madankollu, lil hinn minn analiżi ġenerali tad-daqs possibbli tal-impatt, ma kienx possibbli għal STAT u l-Kummissjoni (Eurostat), fi żmien hekk qasir, li janalizzaw l-istatistiċi tal-impatti tas-sejbiet. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni (Eurostat), fil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv tagħha (minn hawn 'il quddiem "EDP") fl-istqarrija għall-istampa tal-21 ta' Ottubru 2013, espremiet riżerva dwar il-kwalità tad-dejta rrappurtata mill-Awstrija.

10. Fl-10 ta' Marzu 2014, STAT ipprovdiet lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-riżultati tal-analiżi interna tagħha tal-implikazzjonijiet statistiċi tas-sejbiet tal-RH u ħabbret li, wara l-inkorporazzjoni tad-dejta ġdida għal Land Salzburg, id-dejn tal-gvern ġenerali tas-snin 2010, 2011 u 2012 se jiġi rivedut 'il fuq (+0.2pp tal-PDG fl-2010, +0.3pp fl-2011, +0.4pp fl-2012). Il-Kummissjoni (Eurostat) talbet kjarifiki ulterjuri, li STAT ipprovdiet fil-pront f'forma miktuba fit-28 ta' Marzu 2014. Fl-istqarrija għall-istampa dwar l-EDP tagħha tat-23 ta' April 2014, l-Eurostat irtirat ir-riżervi tagħha dwar il-kwalità tad-dejta rrappurtata mill-Awstrija, minħabba li r-reviżjonijiet meħtieġa ġew introdotti minn STAT fid-dejta rrappurtata dwar id-defiċit u d-dejn.

11. Wara eżami tal-fatti mill-Kummissjoni (Eurostat), ġie vvalutat li l-każ tad-dejn mhux irrappurtat f'Land Salzburg kien wieħed serju. L-elementi li wasslu għal din il-konklużjoni jinkludu, fost oħrajn, il-fatt li l-RH ippubblikat sejbiet[12] li jindikaw l-eżistenza ta' irregolaritajiet diversi u gravi fil-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg, li bħala riżultat ta' dawk l-irregolaritajiet kien hemm rapportar żbaljat ta' ċifri tad-dejn għal ammonti mhux negliġibbli, li fuqhom l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika allegatament

[11] Dak ir-rapport jista' jinstab hawnhekk http://www.rechnungshof.gv.at/berichte/ansicht/detail/land-salzburg-finanzielle-lage-1.html

[12] http://www.rechnungshof.gv.at/fileadmin/downloads/2013/berichte/teilberichte/salzburg/Salzburg_2013_07/Salzburg_2013_07_1.pdf

ma kinux infurmati matul ħafna snin u finalment, li l-gvern reġjonali f'Land Salzburg, fl-eżerċitar tas-setgħat legali tiegħu, deher li ffaċilita r-rapportar żbaljat tat-tranżazzjonijiet.

12. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni (Eurostat) vvalutat li kien hemm bżonn ta' analiżi aktar dettaljata tal-fatti li seħħew f'Land Salzburg. F'dik il-fażi preliminari interna ta' analiżi, deher li l-ammont ta' rapportar ħażin kien materjali, li kien hemm indikazzjonijiet jew ta' negliġenza serja jew ta' rapportar ħażin intenzjonali u li l-avvenimenti twettqu matul diversi snin.

1.2. L-investigazzjoni formali tal-Kummissjoni fil-manipulazzjoni suspettata tal-istatistika fl-Awstrija kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011

13. Fuq il-bażi tal-analiżi interna tagħha, il-Kummissjoni (Eurostat) ikkonkludiet li kien hemm indikazzjonijiet serji ta' rappreżentazzjoni ħażina tal-istatistika li ġġustifikat it-twettiq ta' investigazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 8 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011. Għalhekk ġie deċiż mill-Kummissjoni li tinfetaħ investigazzjoni dwar ir-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta tal-EDP fl-Awstrija. Fit-3 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni nediet investigazzjoni formali rigward il-possibbiltà ta' manipulazzjoni tal-istatistika minn Land Salzburg, l-Awstrija[13].

14. It-tim ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni intervista f'laqgħat separati rappreżentanti ta' STAT, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (*Amt der Salzbuerger Landesregierung*), il-Qorti reġjonali tal-Awditjar (*Salzburger Landesrechnungshof* – LRH), il-Bank Ċentrali Awstrijak[14] (*Österreichische Nationalbank* - OeNB) u l-Aġenzija Federali Awstrijakka ta' Finanzjament[15] (*Österreichische Bundesfinanzierungsagentur* - OeBFA). Ir-rekords bil-miktub ta' kull laqgħa ġew stabbiliti u ffirmati mill-parteċipanti kollha.

[13] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2633 finali tat-03.05.2016 dwar it-tnedija ta' investigazzjoni relatata mal-manipulazzjoni tal-istatistika fl-Awstrija kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro.

[14] L-OeNB huwa bħalissa responsabbli għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji għas-setturi istituzzjonali kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur tal-gvern. Fil-passat, madankollu, l-OeNB ikkumpila wkoll il-kontijiet finanzjarji tal-gvern ġenerali. Fl-2009, kien hemm qbil bejn STAT u l-OeNB li tal-ewwel għandu jkun responsabbli għall-kumpilazzjoni tal-Kontijiet Finanzjarji għall-gvern ġenerali (S.13) wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, bil-ħsieb li juża wkoll sal-punt massimu possibbli sorsi ta' dejta diretti għall-kumpilazzjoni ta' kontijiet finanzjarji. Kontijiet finanzjarji għall-gvern ġenerali, ikkompilati minn STAT, intbagħtu lill-Eurostat għall-ewwel darba f'Settembru tal-2014.

[15] Il-Bundeshaushaltsgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Baġit) tawtorizza lill-Ministeru tal-Finanzi Awstrijaku (BMF) jassumi self fuq is-suq kapitali u li jsellef dawn il-fondi lil-Länder u l-unitajiet ekstra-baġitarji. Din l-awtorità ġiet iddelegata lil OeBFA mill-BMF. Għalhekk, l-OeBFA taġixxi għan-nom u akkont tal-BMF, jiġifieri l-gvern federali, u f'dan is-sens meta r-rapport jagħmel referenza għas-self tal-OeBFA, dan huwa ekwivalenti għas-self tal-gvern federali. Barra minn hekk, l-OeBFA tipprovdi dejta u metadejta lill-awtoritajiet tal-istatistika li għandha tintuża għall-kalkolu tal-aġġustament tad-dovuti tal-imgħax u d-dejta fuq id-dħul u d-dejn tal-gvern federali.

15. Il-kwotazzjonijiet li jidhru fin-noti tat-tmiem (elenkati bħala a, b, ċ…) ta' dan ir-rapport ittieħdu mir-rekords uffiċjali ta' dawn il-laqgħat u jirriproduċu eżattament id-dikjarazzjonijiet li għamlu r-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet differenti intervistati.

16. Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tal-Kummissjoni fid-dawl tal-investigazzjoni mwettqa skont id-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678, flimkien mal-fatti ewlenin li jappoġġjaw dawn is-sejbiet. L-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati lir-Repubblika tal-Awstrija dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni huma mdaħħla fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport, u ġew debitament ikkunsidrati meta meqjusin relevanti.

17. Għandu jiġi nnotat li meta wettqet l-investigazzjoni tagħha dwar ir-rapportar ħażin dwar id-defiċit u d-dejn, il-Kummissjoni kellha l-għan li tikxef id-daqs sħiħ tal-problema u kif din seħħet, bil-għan li jiġu evitati każijiet oħrajn fil-futur. Huwa għalhekk inevitabbli li l-iskrutinju inkluda fatti li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 fit-13 ta' Diċembru 2011. F'dan ir-rigward, wieħed għandu jżomm f'moħħu li rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta tal-EDP kienet ugwalment illegali (għalkemm ma kienet iġġorr l-ebda piena potenzjali) qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 1173/2011, fis-sens li Stati Membri kienu u għadhom meħtieġa li jipprovdu dejta kompleta u affidabbli lill-Kummissjoni abbażi tar-regoli pre-eżistenti, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 479/2009.

18. Madankollu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema speċjali tas-sanzjoni prevista fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011, l-għan ewlieni tal-investigazzjoni kien li jiġi eżaminat jekk din ir-rappreżentazzjoni ħazina tad-dejta seħħitx wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament tal-aħħar. L-imġiba rilevanti tal-Istat Membru li fuqha l-Kummissjoni tista' tibbaża rakkomandazzjoni lill-Kunsill hija għalhekk l-imġiba tagħha fil-perjodu mit-13 ta' Diċembru 2011 sat-tnedija tal-investigazzjoni fit-3 ta' Mejju 2016.

19. Barra minn hekk, fil-qafas tal-osservazzjonijiet bil-miktub dwar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg ikkontesta l-fatt li d-dikjarazzjonijiet magħmula minn impjegati individwali tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg waqt il-laqgħa bejn il-Kummissjoni u dik l-entità kienu kkunsidrati dikjarazzjonijiet tal-Uffiċċju Statali u ta' Land Salzburg innifsu[16]. F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li l-Kummissjoni għandha s-setgħa mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011 li tinvestiga rappreżentazzjonijiet ħżiena putattivi, u li l-modalitajiet ta' dawn l-investigazzjonijiet jiġu ddefiniti fid-Deċiżjoni ta' Delega tal-Kummissjoni 2012/678 u jinkludu t-talbiet għall-informazzjoni minn kwalunkwe entità tal-gvern, direttament jew indirettament involuta fil-kumpilazzjoni tad-dejta relevanti (Artikolu 3 tad-Deċiżjoni msemmija). It-talba għall-informazzjoni ġiet organizzata fil-laqgħat tard f'Settembru 2016 mal-entitajiet involuti direttament jew indirittament fil-kumpilazzjoni ta' dejta dwar

[16] Taqsima B, paragrafu 11 tal-osservazzjonijiet mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, Anness II tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

id-defiċit u d-dejn , u l-Kummissjoni għandha tissoponi li l-opinjonijiet espressi mir-rappreżentanti u mill-membri tal-persunal tal-entitajiet ikkonċernati matul dawn il-laqgħat neċessarjament jesprimu l-fehmiet ta' dawk l-entitajiet.

20. Barra minn hekk, il-Kummissjoni abbozzat minuti u dawn intbagħtu lill-parteċipanti kollha li attendew għar-reviżjoni tagħhom. L-emendi kollha mitluba u introdotti fil-minuti minn dawk li attendew ġew aċċettati mill-Kummissjoni.

21. Barra minn hekk, il-każ speċifiku ta' individwu wieħed, li kien impjegat tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, iżda eks impjegat tal-LRH jidher fin-noti f'qiegħ il-paġna tal-minuti, u dikjarazzjonijiet speċifiċi ta' dak l-individwu fil-kapaċità preċedenti tiegħu bħala impjegat tal-LRH ma tqisux li jirrappreżentaw il-fehmiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

22. Fl-aħħarnett, fir-rigward tal-argument imqajjem mill-Awstrija fl-osservazzjonijiet tagħha fuq is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni[17], għandu jiġi osservat li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni hija ta' natura amministrattiva u mhux waħda kriminali. Il-mandat tal-Kummissjoni li twettaq investigazzjonijiet kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 u d-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni 2012/678 huwa kompletament awtonomu minn kull proċedura kriminali fl-Awstrija u ma jistax jiġi ristrett miċ-ċirkostanzi li ċerti fatti rilevanti għall-investigazzjoni tal-Kummissjoni jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal proċedimenti kriminali fuq livell nazzjonali.

[17] Introduzzjoni, punt 3, l-ewwel inċiż tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

2. SEJBIET EWLENIN

23. Din it-taqsima tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet ewlenin għad-defiċit tal-gvern Awstrijaku u d-dejn li wassal għar-reviżjoni 'l fuq, fin-notifika EDP ta' April 2014, għas-snin 2010 sal-2012. Dik ir-rappreżentazzjoni ħażina kienet ir-riżultat ta' rapportar ħażin minn Land Salzburg ta' dejta mibgħuta lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għall-inqas matul dawk is-snin. Barra minn hekk, din it-taqsima għandha l-għan li taċċerta l-livell tar-responsabbilità ta' istituzzjonijiet differenti għar-rapportar ħażin, kemm fuq livell reġjonali kif ukoll f'dak nazzjonali.

24. Ammont konsiderevoli ta' obbligazzjonijiet, kif ukoll pożizzjonijiet finanzjarji oħrajn, qatt ma ġew irrapportati minn Land Salzburg fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji li ppreżentat lill-awtoritajiet tal-istatistika Awstrijaki.

25. Fis-6 ta' Diċembru 2012, il-*Finanzereferent*[18] ta' Land Salzburg, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju u d-Direttur tal-LRH organizzaw konferenza stampa konġunta[a], fejn fiha tħabbar li Land Salzburg sofra minn "sempliċi telf ta' kontabbiltà" ta' EUR 340 miljun f'investimenti derivattivi finanzjarji, bħala riżultat tal-azzjonijiet illegali tal-Kap tal-Unità tal-Baġit, li kienet ħbiet l-azzjonijiet tagħha, qarrqet bis-superviżuri tagħha u ffalsifikat id-dokumenti. Kien biss wara l-konferenza stampa li l-RH u entitajiet oħrajn bdew jinvestigaw fil-fond il-kontijiet ta' Land Salzburg, sabiex jiġu żvelati b'mod sħiħ il-konsegwenzi ta' rapportar ħażin.

2.1. Ħarsa ġenerali tal-pożizzjonijiet ġenerali ta' Land Salzburg: 2002-2012

26. It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet relevanti għal Maastricht f'Land Salzburg għall-perjodu 2001-2012.

27. L-ewwel ringiela tat-tabella tirrifletti d-djun finanzjarji (*Finanzschulden*) tal-Land Salzburg kif irrappurtat fil-karti tal-bilanċ[19] ikkumpilati mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg għas-snin 2002-2012[20]. Skont l-informazzjoni minn STAT, dawk il-"*Finanzschulden*" għandhom għallinqas jinkludu kemm self kif ukoll bonds tal-gvern, iżda jistgħu jinkludu wkoll obbligi oħrajn mhux relevanti għad-dejn ta' Maastricht. F'dak is-sens, għalkemm wieħed jista' jqis il-*Finanzschlden* bħala garanzija, dejjem għandha ssir analiżi ulterjuri għall-kumpilazzjoni tad-dejn ta' Maastricht. Madankollu, fl-aħħar ġie aċċertat mill-Kummissjoni, li jista' jiġi osservat f'Tabella 1, li fil-każ ta' Land Salzburg, u għall-2012, l-istokk tal-*Finanzschulden* kien kważi identiku għad-dejn ta' Maastricht.

[18] Il-*Finanzreferent* hija, fil-prattika, l-ekwivalenti ta' Ministru tal-Finanzi ta' reġjun.

[19] *Vermögensrechnung*.

[20] Dawk il-karti tal-bilanċ intbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg fit-18 ta' Ottubru 2016.

28. Kif jista' jiġi osservat mit-tabella, hemm waqfa fis-serje mill-2011 sal-2012. Dak l-element juri li filwaqt li Land Salzburg irnexxielu jiżvela l-istokk ta' obbligazzjonijiet eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2012, ma rrivediex il-karti tal-bilanċ tiegħu lura għas-snin 2002-2011[21]. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni talbet lill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg jipprovdi dejta fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' Land Salzburg, kif l-informazzjoni kienet magħrufa minn/ġiet disponibbli għad-Dipartiment Finanzjarju fl-aħħar tal-2012, jiġifieri kif kienu se jiġu rrapportati b'mod effettiv kieku dan il-każ ma ġiex espost fis-6 ta' Diċembru 2012. L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg argumenta li tali kompilazzjoni ma saritx; fil-fatt id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Land Salzburg għall-2012 ġew ikkumpilati biss wara li saru l-investigazzjonijiet fil-fond tar-RH u tal-awditi privati. Madankollu, l-analiżi fil-fond mir-RH imwettqa fl-2013 tipponta lejn il-fatt li l-ippjanar finanzjarju fuq terminu medju ta' Land Salzburg, ippreparat fis-16 ta' Novembru 2012, indika total ta' EUR 874 miljun ta' dejn li għandu jiġi rrapportat minn Land Salzburg sal-31 ta' Diċembru 2012[22]. Fin-nuqqas ta' informazzjoni aktar iddettaljata pprovduta mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, il-Kummissjoni għandha taċċetta dan bħala l-ammont ta' dejn li għandu jiġi rrappurtat b'mod effettiv sat-31 ta' Diċembru 2012. Huwa muri f'ringiela (1a) tat-Tabella 1.

29. Ringiela (3) tat-Tabella 1 turi l-kontribuzzjoni tad-dejn ta' Land Salzburg għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk, kif stmat minn STAT fit-30 ta' Settembru 2013, jiġifieri fid-data tal-aħħar notifika tal-EDP mibgħuta mill-awtoritajiet tal-istatistika Awstrijaċi qabel mal-Kummissjoni (Eurostat) ġiet infurmata dwar il-possibbiltà li d-dejn ta' Land Salzburg jista' jkun sottovalutat. Kif jista' jiġi dedott minn tqabbil ta' ringieli (3) u (1) (ara ringiela (5)), dik l-istima minn STAT ħadet inkunsiderazzjoni mhux biss id-data tad-dejn kif irrappurtat minn Land Salzburg, iżda wkoll sorsi ta' dejta oħrajn[23].

---

[21] F'posta elettronika mibgħuta lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-4 ta' Novembru 2016, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg argumenta li l-produzzjoni ta' tali reviżjoni li tmur lura, tiġi tiswa ħafna flus u hija ineffiċjenti mil-lat tal-allokazzjoni tar-riżorsi.

[22] L-RH 2013 jirrimarka, fil-paragrafu 98.1, paġna 256 li *"Ir-Rapport ta' Stabbiltà ta' Land Salzburg kien ippreparat fuq il-bażi taċ-ċifri stabbiliti fl-estimi u fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. L-obbligi, il-flussi ta' flus u l-ispejjeż konsegwenzjali mill-operazzjonijiet finanzjarji tal-Provinċja ta' Salzburg (ara n-nota 40), li kienu diġà inkompleti fil-kontijiet tal-pajjiż, ma ġewx ikkunsidrati f'dan ir-Rapport ta' Stabbiltà. Il-valur inizjali użat għat-tbassir għall-perjodu medju kien ibbażat esklussivament fuq is-self irrappurtat fl-aħħar tal-2012 fl-ammont ta' madwar EUR 874 miljun, li kienu ntwerew bil-valur nominali".* Fil-verżjoni Ġermaniża oriġinali, "*Der Stabilitätsbericht wurde auf Grundlage der in den Voranschlägen und Rechnungsabschlüssen dargestellten Zahlen erstellt. Die Verbindlichkeiten, Zahlungsflüsse und Folgekosten der Finanzgeschäfte des Landes Salzburg (siehe TZ 40), die schon in den Rechnungsabschlüssen des Landes nur unvollständig ausgewiesen waren, fanden auch im Stabilitätsbericht keine Berücksichtigung. Der für die mittelfristige Prognose verwendete Ausgangswert beruhte ausschließlich auf den mit Ende 2012 ausgewiesenen Darlehen in Höhe von rd.874 Mio.EUR, die zum Nominalwert dargestellt wurden*".

[23] Għandu jiġi osservat (ringiela (5)) li, fil-fatt, għas-snin 2002 sa 2005, il-kontribuzzjoni tad-dejn ta' Land Salzburg għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk, kif stmat minn STAT hija inqas mill-*Finanzschulden* irrappurtat fil-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg. Dan iseħħ minħabba l-effetti ta' konsolidazzjoni ta' 'l hekk imsejħa *Innere*

30. Pereżempju, l-istima minn STAT ħadet inkunsiderazzjoni parti konsiderevoli ta' dak li huwa inkluż fil-*Voranschlagsunwirksame Erläge*, jiġifieri għaddew flus kontanti mill-kontijiet ta' Land Salzburg dovuti lil entità terza, fejn ġie aċċertat minn STAT[24] li kienu jinkludu wkoll is-self mill-OeBFA biex jiffinanzja lis-*Salzburger Landeswohnabaufonds*[25]. Kien aċċertat li għall-2011 kien jammonta għal EUR 1 050 miljun, kif jidher fir-ringiela (2.b), u kien totalment inkluż fil-*Voranschlagsunwirksame Erläge* (ara t-taqsima 2.3.4 hawn taħt).

31. Barra minn hekk, u wara li rċeviet informazzjoni mill-OeNB, STAT ikkonkludiet li Land Salzburg kien iffinanzja ruħu, fl-2010, permezz tal-ħruġ ta' titoli tal-gvern li jammontaw għal EUR 300 miljun. Anki jekk dan l-ammont ma kien imkien viżibbli fil-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg, STAT ħadet id-deċiżjoni li ssegwi s-sors tad-dejta dirett tal-OeNB (wara kontroverifika ma' sorsi ta' dejta oħrajn indiretti) u li tinkludi dawk l-ammonti fid-dejn ta' Land Salzburg (ara t-taqsima 2.3.5 hawn taħt).

32. Jekk, għall-2011, il-EUR 1 050 miljun irrappurtati taħt ringiela (2) (u viżibbli fir-ringiela 2.b) u t-EUR 300 miljun ta' titoli kif żvelat fil-bażi tad-dejta tal-OeNB titolu b'titolu jiżdiedu mal-ammont ta' dejn irrappurtat taħt ringiela (1), dan ikun jammonta għal dejn ta' EUR 2 126 miljun. Id-differenza (EUR 166 miljun) għall-ammont ta' dejn stmat minn STAT fl-2011 (EUR 2 293 miljun) hija spjegata prinċipalment mill-inkonsistenzi rrapportati mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg rigward is-self mill-OeBFA. Fil-każ ta' diskrepanzi, STAT b'mod konsistenti għażlet li tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-OeBFA[b]. Anki jekk STAT għandha l-possibbiltà li tbiddel iċ-ċifri mis-sorsi tad-dejta waqt il-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali, ma għandhiex il-mandat li tobbliga entitajiet li jemendaw id-dejta rrapportata[c] (ara taqsima 2.3.4 hawn taħt).

33. Ringiela (4) tat-Tabella 1 tirrifletti l-kontribuzzjoni tad-dejn ta' Land Salzburg għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk, kif ikkalkulat minn STAT fil-31 ta' Marzu 2014, jiġifieri wara li l-Eurostat esprima riżerva fuq id-dejta Awstrijaka li twassal għal analiżi konġunta tal-obbligi ta' Land Salzburg minn STAT u l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

34. Ringiela (7) tat-Tabella 1 turi r-reviżjonijiet għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk imwettqa minn STAT wara li ġie żvelat ir-rapportar ħażin ta' dejta f'Land Salzburg. Jista' jiġi osservat li d-dejta tad-dejn tas-snin ta' qabel l-2010 ma ġietx riveduta mill-awtoritajiet tal-istatistika. Fl-osservazzjonijiet tal-Awstrija tal-25 ta' Jannar 2017 fuq is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni, STAT tiddikjara li, "*Skont ir-Regolament tal-EDP,*

Anleihe, jiġifieri l-fatt li l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg issellef flus minn fond statali u ħallashom lura fl-istess sena jew fis-sena ta' wara, kif spjegat minn STAT fis-16 ta' Novembru 2016.

[24] STAT iddiskutiet din il-kwistjoni, bil-posta elettronika, mad-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju ta' dak iż-żmien, il-Kap tal-Unità tal-Baġit u ma' wieħed mill-impjegati tagħha. Uffiċjal mill-OeBFA rċieva huwa wkoll kopja ta' dik il-posta elettronika skambjata fis-27 ta' Settembru 2012.

[25] Il-*Landeswohnbaufonds* huwa fond pubbliku, ikklassifikat ġewwa s-settur tal-gvern ġenerali fil-kontijiet nazzjonali, li l-iskop tiegħu hu li jiffinanzja u jappoġġja l-kostruzzjoni u l-akkwist ta' akkomodazzjoni soċjali.

l-Istati Membri huma obbligati li jinnotifikaw id-dejta għas-snin n-4 sa n. Għalhekk, fin-notifika ta' April 2014, id-dejta għas-snin 2010 sal-2014 biss kellha tiġi kkomunikata. In-notifika tat-tibdil fid-dejta fuq is-snin preċedenti hija mandatorja biss fuq il-bażi ta' regolamenti oħrajn tal-UE[26]*."* Il-Kummissjoni tifhem minn din id-dikjarazzjoni li s-snin ta' qabel l-2010 ma kinux soġġetti għal xi investigazzjoni, jew fir-rigward tad-defiċit jew fir-rigward tad-dejn. Minkejja din id-dikjarazzjoni minn STAT, il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-laqgħat tagħha mal-awtoritajiet Awstrijaċi fil-qafas tal-investigazzjoni, b'mod partikolari mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, li r-rapportar ħażin tad-dejta seta' beda għallinqas kmieni sa mill-2008[d].

35. Fl-aħħarnett, ringiela (6a) tirrifletti d-differenza bejn il-kalkolu tad-dejn ta' Land Salzburg b'konsiderazzjoni tas-sorsi tad-dejta kollha disponibbli f'Marzu tal-2014 (ringiela (4)) u d-dejn effettivament irrapportat minn Land Salzburg (ringiela (1a)) għal dawk is-snin, taħt il-*Finanzschulden*. Dan ifisser li, jekk sorsi indiretti oħra ta' dejta ma kinux intużaw fil-kumpilazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' Land Salzburg għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk, l-impatt tar-reviżjonijiet għad-dejn ta' Maastricht Awstrijakk mhux biss kien jammonta għal 0.4% tal-PDG fl-2012, iżda pjuttost għal 0.9% tal-PDG f'dik is-sena.

36. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Awstrija għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Awstrijaċi jissuġġerixxu li l-ammont attwali tad-dejn ta' Maastricht għall-2012 kif finalment irrapportat fin-notifika tal-EDP ta' April 2014, jiġifieri inklużi l-korrezzjonijiet li segwew l-iżvelar tar-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejn, kien aktar baxx mill-ammont tad-dejn ta' Maastricht fl-2012 kif irrapportat waqt in-notifiki EDP ta' April 2012 [27]. Fuq din il-bażi, l-Awstrija ssostni li ma kien hemm l-ebda rappreżentazzjoni ħażina ta' dejn fin-notifiki tal-EDP ikkontestati.

37. Huwa importanti li jiġi ċċarat li d-defiċit u d-dejn irrapportat fin-notifiki tal-EDP tal-2012 rigward is-sena 2012 jikkonsistu f'dejta ppjanata, aktar milli dejta attwali. Dejta ppjanata mhijiex ċifri attwali iżda tikkonsisti minn tbassir ipprovdut mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Il-previżjonijiet ma jistgħux jiġu assimilati maċ-ċifri attwali pprovduti mill-Istati Membri għall-Kummissjoni u f'dan is-sens li jiġu mqabbla, f'termini ta' rilevanza, preċiżjoni, kompletezza u affidibilità mad-dejta attwali, jiġifieri mal-obbligi, effettivament imġarrba.

[26] Fil-verżjoni Ġermaniża: "*Die Mitgliedstaaten sind gemäß VÜD-Verordnung verpflichtet, Daten für die Jahre n-4 bis n zu notifizieren. Im Rahmen der Notifikation vom April 2014 waren daher ausschließlich Daten für die Jahre 2010 bis 2014 mitzuteilen. Die Mitteilung von Änderungen von Daten über frühere Jahre ist nur aufgrund von anderen EU-Verordnungen verpflichtend*."

[27] Tabella 1 tat-taqsima 1.3 tad-dikjarazzjonijiet tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

38. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 dwar l-applikazzjoni tal-protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[28] huwa assolutament ċar fl-istabbiliment li, fil-kuntest tal-EDP, il-Kummissjoni tevalwa biss il-kwalità tad-dejta attwali. Barra minn hekk, huwa n-nuqqas ta' kwalità tad-dejta attwali li finalment jista' jwassal lill-Kummissjoni biex jew tesprimi r-riżerva jew biex temenda d-dejta.

39. Barra minn hekk, hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-ammont ta' dejn għall-2012 irrapportat bħala dejta ppjanata fin-Notifika tal-EDP ta' Ottubru 2012 kien fil-fatt sottovalutat mill-EUR 1 192 miljun ta' dejn li kien żvelat f'April 2014. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra tissuġġerixxi li l-awtoritajiet tal-istatistika kienu diġà konxji, f'Ottubru tal-2012, bl-eżistenza ta' tali obbligazzjonijiet rilevanti għal Maastricht li ma ġewx irrapportati, li madankollu mhijiex il-konklużjoni ta' din l-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

[28] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ĠU L 145, 10.6.2009, p.1.

Tabella 1: L-obbligazzjonijiet ta' Maastricht ta' Land Salzburg għas-snin 2002-2012

MEUR

		2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Vermögensrechnung												
Finanzschulden	**(1)**	454	454	433	433	434	431	431	497	654	776	3,507
as reported by Land Salzburg (and RH) [a]	*(1.a)*	454	454	433	433	434	431	431	497	654	776	874
Voranschlagsunwirksame Erläge	**(2)**	192	298	274	356	562	649	1,156	1,512	1,495	1,227	546
National Accounts compilation by STAT												
as of 30.09.2013	**(3)**	347	339	346	378	471	606	1,113	1,180	1,929	2,293	2,318
Land Salzburg	*(2.a)*	347	339	346	378	401	407	521	460	1,069	1,243	1,268
of which on-lending by ÖBFA		0	0	0	0	191	197	423	359	580	755	780
Wohnbaufonds	*(2.b)*	0	0	0	0	70	199	592	720	860	1,050	1,050
of which on-lending by ÖBFA		0	0	0	0	70	199	592	720	860	1,050	1,050
as of 31.03.2014	**(4)**	347	339	346	378	471	606	1,113	1,180	2,451	3,172	3,509
Land Salzburg	*(3.a)*	347	339	346	378	401	407	521	460	1,591	2,122	2,459
of which on-lending by ÖBFA		0	0	0	0	191	197	423	359	580	755	780
Wohnbaufonds	*(3.b)*	0	0	0	0	70	199	592	720	860	1,050	1,050
of which on-lending by ÖBFA		0	0	0	0	70	199	592	720	860	1,050	1,050
(5) = (3) - (1)		-106	-114	-86	-55	38	174	682	683	1,274	1,516	-1,189
(6) = (4) - (1)		-106	-114	-86	-55	38	174	682	683	1,797	2,396	3
(6a) = (4) - (*1a*)		-106	-114	-86	-55	38	174	682	683	1,797	2,396	2,635
as % of GDP [b]		-	-	-	-	-	-	-	-	*0.6%*	*0.8%*	*0.9%*
(7) = (4) - (3)		0	0	0	0	0	0	0	0	523	879	1,192
as % of GDP [b]		-	-	-	-	-	-	-	-	*0.2%*	*0.3%*	*0.4%*

Note: all amounts are depicted in nominal value

[a] according to RH 2013, the amount of laibilities to be reported by Land Salzburg in the end of 2012 was of EUR 874 million

[b] as of GDP reported on the 31 March 2014

2.2. Responsabbilitajiet istituzzjonali ta' Land Salzburg

40. Land Salzburg għandha, bħall-Istati Awstrijaċi kollha, Parlament (*Landtag*), Gvern Statali (*Landesregierung*), Gvernatur (*Landeshauptmann*) u Uffiċċju Statali (*Amt der Landesregierung*).

41. Il-*Landtag* hija responsabbli għal-leġiżlazzjoni f'oqsma mhux federali għal-Land, għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-liġijiet u għall-elezzjoni tal-Gvern Statali. Il-*Landtag* għandha wkoll l-LRH taħt is-superviżjoni tagħha.

42. L-LRH huwa mmexxi minn Direttur, li huwa maħtur mil-*Landtag* għal perjodu ta' tnax-il sena; ħatra mill-ġdid mhijiex permessa. L-LRH hija responsabbli għall-monitoraġġ ta' Land Salzburg u ta' entitajiet ġuridiċi oħrajn ikkontrollati mil-Land, kif ukoll għal dawk li jirċievu sponsorizzazzjoni pubblika u tal-entitajiet lokali b'popolazzjoni ta' inqas minn 10 000 abitant. L-awditi tal-LRH jiffukaw fuq il-konformità mal-liġijiet, dwar il-kalkolu korrett taċ-ċifri, u fuq l-effiċjenza ekonomika u l-effettività tal-ġestjoni finanzjarja fl-Uffiċċju Statali. Rapporti prodotti mil-LRH jinkludu sejbiet ewlenin, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet. Reviżjoni ta' segwitu ta' jekk is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ikunux ġew attwalment implimentati mill-unitajiet rispettivi tista' ssir ukoll. M'hemm, madankollu, l-ebda possibilità għal-LRH biex tinforza l-implimentazzjoni tas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet – is-setgħa ewlenija tal-LRH tinsab fil-pubbliċità tar-rapporti tagħha.

43. Il-*Landtag* tinnomina lill-Gvern Statali, li huwa mmexxi minn Gvernatur Statali (*Landeshauptmann*) u li għandu setgħa eżekuttiva. F'Land Salzburg, il-Gvern Statali huwa magħmul minn seba' membri, kull wieħed għandu taħt ir-responsabbilità (politika) tiegħu jew tagħha xi dipartimenti tal-Uffiċċju Statali. B'mod partikolari, il-membru tal-Gvern Statali responsabbli għall-affarijiet finanzjarji (*Finanzreferent*) huwa l-persuna suprema li tieħu d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' affarijiet finanzjarji, li hija responsabbli għall-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tal-qasam tal-kompetenza tiegħu jew tagħha u jkollha r-responsabbilità aħħarija għall-attivitajiet kollha, il-prodotti u l-eżiti tal-ġestjoni finanzjarja tal-Land.

44. Barra minn hekk, il-Gvern Statali jaħtar, soġġett għall-approvazzjoni tal-Gvern Federali, il-*Landesamtsdirektor*, li huwa l-kap tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg. L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg huwa l-appoġġ amministrattiv ta' Land Salzburg u huwa mqassam f'diversi dipartimenti, inkluż l-*Abteilung 8: Finanz– und Vermögensverwaltung* (aktar 'il quddiem, id-Dipartiment Finanzjarju). Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali (*Landesamdirektion*) jinkludi wkoll l-Awditu Intern[29] (*Interne Revision*), diviżjoni ċentrali (*Stabstelle*).

[29] Ir-rwol tal-Awditu Intern ta' Land Salzburg huwa li jiċċekkja l-proċeduri ta' kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju, kif ukoll li jaċċerta jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll fl-Uffiċċju Statali humiex stabbiliti sew.

45. L-Unità tal-Baġit (Referat 8/02- Bugetangelegenheiten), li kellha rwol ċentrali fl-avvenimenti (ara taqsimiet 2.2 u 2.3), hija Unità tad-Dipartiment Finanzjarju. Fost oħrajn, din l-unità kellha taħt ir-responsabbilità tagħha l-mezz u l-ippjanar finanzjarju fit-tul u l-ġestjoni tad-dejn u l-investiment. Barra minn hekk, l-Unità tal-Baġit kellha influwenza kbira fuq il-kotba tal-assi finanzjarji u t-tranżazzjonijiet finanzjarji mwettqa fil-*Voranschlagsunwirksame*. Sa Lulju 2012, dik l-unità kellha kap tal-unità, impjegat wieħed u segretarja waħda.

46. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg, fl-2007, ġie stabbilit Bord Konsultattiv Finanzjarju (*Finanzbeirat*), bl-għan li jissorvelja u jiddefinixxi l-istrateġija għad-Dipartiment Finanzjarju. Dak il-Bord Konsultattiv ma kellux setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet u kien prinċipalment responsabbli għal reviżjoni annwali tal-istrateġija finanzjarja u tar-riskju ta' Land Salzburg, u b'mod partikolari għall-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-limiti tar-riskji relattivi għall-kapaċità tar-riskju u għall-adegwatezza tal-introduzzjoni ta' aktar limiti ta' riskju. Il-Bord ibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq l-informazzjoni mħejjija mill-Unità tal-Baġit. Minbarra l-kap tad-Dipartiment Finanzjarju, li ppresjeda dak il-Bord, kien jinkludi wkoll żewġ konsulenti mis-settur privat u żewġ impjegati tal-Unità tal-Baġit (dan tal-aħħar mingħajr dritt għall-vot).

47. Finalment, l-Unità tal-Kontabbiltà (*Referat 8/04 – Landesbuchhaltung*) ġiet inkluża fid-Dipartiment Finanzjarju u kienet responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-kontijiet baġitarji (*Voranschlagswirksame)* kif ukoll għall-kontijiet ekstra baġitarji (*Voranschlagsunwirksame)*. Sal-bidu tal-2007 dik l-unità kienet Dipartiment (*Abteilung 14 –Landesbuchhaltung*)[30].

2.2.1. L-għoti tas-setgħat

48. Fl-2006, il-*Landtag* adottat il-Liġi tal-Baġit tal-Istat, l-Artikolu IV li jiddikjara li, *"Il-Gvern Statali għandu s-setgħa, li jissodisfa d-domanda attwali tal-flus, li jieħu riservi allokati, li jissellef flus biex iġarrab id-dejn u biex jagħmel tranżazzjonijiet finanzjarji derivattivi biex jiġġenera dħul addizzjonali, jekk minn dawn l-azzjonijiet huwa jistenna vantaġġ ekonomiku għall-Istat; dan jinkludi ġestjoni attiva tal-assi finanzjarji għal-Landeswohnbaufonds[31]."* Skont l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni legali ġiet introdotta fuq it-talba speċifika tal-Kap tal-Unità tal-Baġit, u l-*Landtag* qabel ma' dik it-talba[e].

[30] Dan ir-rapport juża t-terminu "Unità tal-Kontabbiltà" biex jirreferi kemm għall-Unità tal-Kontabbiltà kif ukoll għad-Dipartiment tal-Kontibbiltà.

[31] Il-verżjoni oriġinali bil-Ġermaniż: "*Die Landesregierung ist ermächtigt, zur Deckung des laufenden Geldbedarfes zweckbestimmte Rücklagen in Anspruch zu nehmen, Kassenkredite aufzunehmen, Umschuldungen vorzunehmen sowie zur Erzielung von Zusatzerträgen abgeleitete Finanzgeschäfte durchzuführen, wenn diese Maßnahmen einen wirtschaftlichen Vorteil für das Land erwarten lassen; dies schließt die aktive Verwaltung des Finanzvermögens für den Landeswohnbaufonds mit ein.*."

49. Barra minn hekk, ġie stabbilit f'rapport mill-RH li setgħat sħaħ kienu *de facto* ngħataw lill-Unità tal-Baġit diġà fl-2002 biex tuża ir-riżorsi ta' Land Salzburg, kif ukoll dawk ta' *Landeswohnbaufonds*, bil-għan li jinkisbu vantaġġi ekonomiċi għal-Land Salzburg[32]. F'dak iż-żmien, il-*Finanzreferent* ta lid-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju, lill-Kap tal-Unità tal-Baġit u lil impjegat ta' dik l-unità, prokura b'firma waħda għal involviment fi tranżazzjonijiet finanzjarji permezz tas-*Salzburger Landes - Hypothekenbank AG*[33] *(SLH)* li tikkonċerna numru vast ta' operazzjonijiet. Barra minn hekk, fis-6 ta' Frar 2003, il-*Finanzreferent* tat, lill-istess persuni, prokuri sabiex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi u jikkonkludu tranżazzjonijiet finanzjarji b'riskju għoli ma' istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn, għal żmien illimitat u għal ammonti illimitati. Dawk it-tliet individwi ngħataw ukoll is-setgħa li jifthu u li jagħlqu kontijiet bankarji. Dawk is-setgħat kienu effettivi sa nofs Lulju tal-2012, meta l-*Finanzreferent* ta' Land Salzburg dak iż-żmien ħadet dawk is-setgħat mill-Kap tal-Unità tal-Baġit[34].

50. Matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, ġie spjegat ukoll minn uffiċjali tal-Uffiċċju Statali li s-setgħat mogħtija speċifikament lill-Kap tal-Unità tal-Baġit qatt ma ġew iddubitati minħabba r-reputazzjoni għolja tagħha[f].

51. Bl-istess mod, il-Linji Gwida għall-Ġestjoni Finanzjarja ta' Land Salzburg[35], maħluqa mill-*Finanzreferent* u validi mill-4 ta' Ġunju 2007, iddikjaraw li l-għan tal-investimenti

[32] Paragrafu 15.1, paġna 84, tar-rapport imħejji mir-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage.* Il-verżjoni *oriġinali* bil-Ġermaniż tgħid: "*Der Finanzreferent Wolfgang Eisl stellte mit 28.Februar 2002 eine „Vollmacht für Handelsgeschäfte mit Firmen und Institutionen" für die Hausbank des Landes Salzburg, die Salzburger Landes–Hypothekenbank AG, aus. Jeweils einzelvertretungsbefugt waren der Leiter der Finanzabteilung, die Leiterin des Budgetreferats und ab 5.Juli 2002 auch ein Mitarbeiter des Budgetreferats*. (…)"

[33] Salzburger Landes - Hypothekenbank AG hija kklasifikata fis-settur tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji (S.12). Land Salzburg għandha parteċipazzjoni ta' 10% fis-SLH permezz ta' Land Salzburg Beteiligungen GmbH, li hija korporazzjoni holding ta' Land Salzburg, ikkontrollata 100% minn Land Sazburg u kklassifikata wkoll fis-settur tal-Korporazzjonijiet Finanzjarji (S.12).

[34] Paragrafu 15.1, paġna 86, tar-rapport preparat mir-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*, tal-verżjoni oriġinali Ġermaniża, jgħid: "*Mit 6.Februar 2003 erteilte der Finanzreferent (...) eine weitere Vollmacht, die — im Gegensatz zur gegenüber der Salzburger Landes–Hypothekenbank AG geltenden Vollmacht — an einen unbestimmten Kreis von Kreditinstituten und anderen Institutionen gerichtet war. Diese Vollmacht war inhaltlich an die Vollmacht aus dem Jahr 2002 angelehnt und enthielt auch die Berechtigung zur Erteilung von Untervollmachten. Ebenso waren Konto – und Depotöffnungen bzw.– schließungen durch die drei Bevollmächtigten (Leiter der Finanzabteilung, Leiterin des Budgetreferats, Mitarbeiter des Budgetreferats) möglich, wobei jeweils zwei Bevollmächtigte gemeinsam vertretungsbefugt waren. In weiterer Folge wurde diese Vollmacht Kreditinstituten und Institutionen, mit denen das Land Salzburg Finanzgeschäfte vornahm, vorgelegt.*"

[35] *Richtlinien für das Finanzmanagement*

finanzjarji fuq id-direttivi ma kienx biss biex isir tfaddil fuq l-infiq bl-imgħax iżda wkoll għall-provvediment ta' dħul addizjonali għall-gvern[36].

2.2.2. Monitoraġġ intern

52. Fil-memo tat-2 ta' Frar 2004[37], il-*Finanzreferent* ta' Land Salzburg iddeċieda li, minn dakinhar 'il quddiem, l-Unità tal-Baġit tieqaf tirrapporta r-reġistrazzjonijiet tagħhom fuq il-*Voranschlagsunwirksame*[38] lill-Unità tal-Kontabbiltà, u b'mod partikolari tieqaf tirreġistra l-investimenti finanzjarji mwettqa mill-Unità tal-Baġit fil-kuntest tal-ġestjoni tal-*VuF (Versorgungs- und Unterstützungsfonds*, fond ta' provvediment ta' pensjoni ta' Land Salzburg)[39]. Madankollu, kif ikkonfermat matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata mill-Unità tal-Baġit lill-Unità tal-Kontabbiltà kienet *"neċessarja għat-twettiq ta' kontabbiltà xierqa*[g]".

53. Din id-deċiżjoni ġiet parzjalment mibdula biss fl-2008. Madankollu, kif iddikjarat mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, fit-28 ta' Settembru 2016, "(...) *ċertu tranżazzjonijiet kienu għadhom eżentati mil-obbligi tar-rapportar"* anki wara l-2008.

54. Skont stqarrija mogħtija fil-kors tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, id-deċiżjoni mill-2004 kienet neċessarja peress li l-investimenti involuti mill-Unità tal-Baġit, b'mod partikolari l-VuF, kienu, dak iż-żmien, qegħdin jipprovdu dħul konsiderevoli lil Land Salzburg[h], u t-tranżazzjonijiet kumplessi tagħha kellhom bżonn reazzjoni ta' malajr mill-Unità tal-Baġit[i]. Barra minn hekk, il-persunal tal-Unità tal-Kontabbiltà ma kinitx kapaċi timmonitorja dawk it-tranżazzjonijiet minħabba l-kumplessità tagħhom[j].

---

[36] Paragrafu 17.2, paġna 90, tar-rapport imħejji mir-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*, tal-verżjoni oriġinali Ġermaniża, jgħid: " *Der RH wies — wie bereits 2009 — kritisch darauf hin, dass die Richtlinien für das Finanzmanagement des Landes Salzburg ausdrücklich auch die Erzielung von zusätzlichen Erträgen aus Derivaten als Ziel der Finanzgeschäfte definierten, und betonte das damit verbundene Risiko. Er verwies darauf, dass die zur Ertragsoptimierung abgeschlossenen Derivate mit der Aufgabenerfüllung einer Gebietskörperschaft nicht vereinbar waren.*"

[37] Dak il-memo ġie pprovdut lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, waqt il-laqgħa li saret bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fit-28 ta' Settembru 2016.

[38] Fil-memo oriġinali: " *Für Aufträge, die unmittelbar von der Abteilung 8 veranlasst wurden, trägt die Abteilung 14 keine Verantwortung. (...) Für sämtliche von der Abteilung 8 in Anspruch genommenen Instrumente im Rahmen des Liquiditäts- und Portfoliomanagements besteht nur eine eingeschränkte Prüfpflicht der Abteilung 14."*

[39] Fil-memo oriġinali: " *Darüber hinaus ist die Geschäftsführung des Versorgungs- und Unterstützungsfonds der Abteilung.8 (Referat 8/02) übertragen. Dieser unselbständige Verwaltungsfonds veranlagt auch Geldmittel des Landes. Diese Veranlagungen und Geldmittel stehen nicht zur Deckung des allgemeinen Liquiditätsbedarfes des Landes zur Verfügung, sondern sind zweckgebunden zu verwenden. Der· Abteilung 8 obliegt die gesamte Gestlonierung des Fondsvermögens und ihr gehen auch alle Kontoauszüge betreffend diesen Verwaltungsfonds zu." (Versorgungs- und Unterstützungsfonds*, hija fond ta' provvista tal-pensjoni ta' Land Salzburg).

55. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taċċerta li mhux biss l-Unità tal-Baġit kienet eżentata mill-obbligi tagħha li tirrapporta lill-Unità tal-Kontabbiltà, iżda l-persunal ta' dan tal-aħħar kien taħt l-istruzzjonijiet tal-Kap tal-Unità tal-Baġit. Bħala konsegwenza prevedibbli ta' dik l-istruttura organizzazzjonali, l-Unità tal-Kontabbiltà se taċċetta d-dejta kif previst. [k]

56. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taċċerta ruħha li l-kontabbiltà interna u l-kontijiet pubbliċi prodotti mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, u b'mod partikolari mid-Dipartiment Finanzjarju, kienu eżentati milli jiġu mmonitorjati mill-Awditu Intern mill-1999 'il quddiem[l]. Skont l-RH, il-mod kif kienu jinsabu l-affarijiet kien "*kontra r-regoli tas-soltu fl-amministrazzjoni pubblika"* u fl-aħħar mill-aħħar dan *"ikkontribwixxa għall-eżistenza ta' lakuni serji ta' kontroll f'oqsma rilevanti finanzjarjament"*[40].

57. Bħala sinteżi, iż-żieda fis-setgħat konċessi lill-Unità tal-Baġit ta' Land Sulzburg ma kinitx akkumpanjata minn żieda parallela fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet ta' dik l-unità. Fil-fatt, iż-żieda fis-setgħat mogħtija lill-Unità tal-Baġit kienet pjuttost akkumpanjata minn tnaqqis fl-obbligi tar-rapportar ta' dik l-unità lil unitajiet oħrajn tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

2.2.3. Monitoraġġ mil-LRH

58. L-LRH għandu r-responsabbiltà li jagħmel awditu, fost oħrajn, tal-ġestjoni finanzjarja tal-Gvern Statali ta' Salzburg u tal-fondi tiegħu, filwaqt li jiffoka fuq il-konformità legali u fuq il-kalkolazzjoni korretta taċ-ċifri. Madankollu, jidher li d-Dipartiment Finanzjarju (u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji) ta' Land Salzburg ma kienu qatt soġġetti għal awditu ddettaljat mil-LRH fil-perjodu ta' bejn l-2002 u l-2012[m].

59. Skont il-Kapijiet tal-LRH preżenti u dawk preċedenti, awditi dettaljati tal-ġestjoni finanzjarja bħal dawn ta' Land Salzburg ma sarux minħabba n-nuqqas ta' persunal, riżorsi insuffiċjenti[n] u n-nuqqas ta' taħriġ speċifiku tal-persunal f'dak iż-żmien dwar kif għandhom jiġu awditjati dawk it-tranżazzjonijiet[o].

60. Madankollu, kif jidher mir-rapporti tal-awditjar tal-LRH li jikkonċernaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ('*Rechnungsabschluss*') ta' Land Salzburg[41] għas-snin 2008-2011, il-konklużjoni tagħhom kienet invarjabbilment l-istess: *"It-testijiet immexxija mil-LRH żvelaw li r-rekords tal-kontabbiltà u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kienu saru*

---

[40] Paġna 27, tar-rapport preparat mir-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*, fil-verżjoni oriġinali Ġermaniża, tiddikjara: " *Entgegen den sonst üblichen Regelungen in der öffentlichen Verwaltung war die Interne Revision des Landes Salzburg per Erlass des Landesamtsdirektors ausdrücklich von der Prüfung der Gebarung und des Rechnungswesens ausgenommen. Die Interne Revision leitete daraus auch die Unzuständigkeit für die Kontrolle des Finanzmanagements ab. Dies führte zu Kontrolllücken in finanziell relevanten Bereichen, die dazu geeignet waren, fehlerhaftes, unwirtschaftliches Handeln bzw.in letzter Konsequenz strafrechtlich relevante Sachverhalte nicht zu entdecken.*"

[41] http://www.salzburg.gv.at/pol/lt-rechnungshof/lrh-berichte/lrh-archiv.htm

debitiment u kienu sħaħ.Il-bilanċ tal-flus kontanti huwa korrett u ġie mixhud bi prova minn dikjarazzjonijiet tal-bank"[42]. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontroverifika mad-dikjarazzjonijiet tal-bank fil-fatt ma saritx[p].B'konsegwenza ta' dan, dik id-dikjarazzjoni fil-konklużjoni tar-rapporti tal-LRH ma kinitx korretta.

61. Finalment, huwa l-fehim tal-Kummissjoni li tali awditi ddettaljati għall-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg lanqas ma kienu ta' tħassib immedjat għal-*Landtag* dak iż-żmien[q].

2.3. Il-Ġestjoni Finanzjarja ta' Land Salzburg fil-perjodu tal-2002-2012

62. Din it-taqsima tipprovdi deskrizzjoni ta' wħud mill-irregolaritajiet li seħħew fil-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg fil-perjodu ta' bejn l-2002 u l-2012 li tiffoka fuq l-irwol ewlieni tad-Dipartiment Finanzjarju ta' Land Salzburg f'dawk l-avvenimenti, u b'mod partikolari tal-Unità tal-Baġit. Barra minn hekk, din it-taqsima għandha l-għan li tiċċara l-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet reġjonali u nazzjonali oħrajn dwar il-monitoraġġ ta' Land Salzburg, dwar il-finanzjament tiegħu, kif ukoll fuq il-kumpilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali.

2.3.1. Il-prinċipju ta' erba' għajnejn

63. Il-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn huwa prinċipju tal-kontabbiltà fundamentali, li jimplika li ċerti azzjonijiet, jiġifieri deċiżjoni, tranżazzjoni, eċċ., għandhom jiġu approvati minn tal-inqas żewġ persuni sabiex jittieħdu. Dan il-mekkaniżmu ta' kontroll jintuża biex jiffaċilita delega tal-awtorità, biex iżid it-trasparenza u biex jagħmilha aktar diffiċli għal individwu li jaġixxi waħdu biex iqarraq b'organizzazzjoni.

64. Kif imsemmi qabel, fl-2002 il-*Finanzreferent* tat prokura b'firma waħda lil tliet impjegati tad-Dipartiment Finanzjarju biex jinvolvu ruħhom fi tranżazzjonijiet finanzjarji mas-SLH. Dawn is-setgħat ġew estiżi ulterjorment fl-2003 għal perjodu bla limitu, għal ammonti bla limitu, u mingħajr ebda restrizzjoni fuq in-numru ta' tranżazzjonijiet jew istituzzjonijiet ta' kreditu ma' min jistgħu jinnegozjaw.

65. Kif imsemmi qabel ukoll, fl-2004, memo mill-*Finanzereferent* eżenta lill-Unità tal-Baġit milli tipprovdi kwalunkwe tip ta' informazzjoni lill-Unità tal-Kontabbiltà. Dik id-deċiżjoni kienet ta' ħsara sinifikanti għar-rispett tal-prinċipju tal-erba' għajnejn aħjar minn tnejn, peress li ammont konsiderevoli mit-tranżazzjonijiet finanzjarji li saru f'isem Land Salzburg twettqu mill-Unità tal-Baġit. Minħabba l-fatt li ngħataw setgħat b'firma waħda sentejn qabel, dak il-memo implika li tranżazzjonijiet finanzjarji la ġew iċċekkjati għat-tieni darba internament mill-Unità tal-Baġit u lanqas ġew iċċekjati mill-Unità responsabbli mill-kumpilazzjoni tal-kontijiet finali ta' Land Salzburg. Bl-istess mod,

[42] Verżjoni oriġinali bil-lingwa Ġermaniża: "*Der LRH stellte fest, dass der Rechnungsabschluss ordnungsgemäß und vollständig erstellt wurde. Der Kassenabschluss war korrekt und der buchmäßig ausgewiesene Geldbestand wurde dem LRH durch Bankauszüge nachgewiesen.*"

irriżulta waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni li l-Kap tal-Unità tal-Baġit kienet f'pożizzjoni li tinterferixxi fir-rekords taż-żamma tal-kotba[43].

66. Li kieku l-Awditu Intern ma ġiex eżentat permezz ta' digriet mill-monitoraġġ tad-Dipartiment Finanzjarju fl-1999, huwa probabbli li dan kien ikun kapaċi jinduna b'dawk in-nuqqasijiet tal-proċeduri ta' kontroll intern.

67. Anki jekk id-deċiżjoni fil-memo mill-2004 kienet finalment mibdula fl-2008, xi tranżazzjonijiet kienu għadhom eżentati mill-obbligi tar-rapportar[44], b'mod partikolari t-tranżazzjonijiet bejn il-baġit ewlieni ta' Land Salzburg u l-fondi, jiġifieri l-*VuF* u l-*Landeswohnbaufonds*, kif ukoll it-tranżazzjonijiet kollha rrekordjati taħt il-*Voranschlagsunwirksame* (ara taqsima 2.3.3)

68. Barra minn hekk, il-Kap tal-Unità tal-Baġit kienet, fl-istess ħin responsabbli wkoll għall-kwistjonijiet finanzjarji tal-*Landeswohnbaufonds*,[r] u dan ifisser li meta eżistew tranżazzjonijiet bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kap tal-Unità tal-Baġit ta' Land Salzburg kienet l-unika persuna involuta, taġixxi u tirreġistra ammonti fuq iż-żewġ naħat. Din is-sitwazzjoni kienet ukoll ksur ċar tal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn.

69. Fl-aħħarnett, bosta dikjarazzjonijiet mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg jindikaw li l-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn ma ġiex irrispettat lanqas fir-rapportar tal-flussi ta' informazzjoni[45].

70. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li sa, mill-inqas l-2002, Land Salzburg ma kkonformax mal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn tal-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg, f'diversi aspetti. Dan il-prinċipju huwa kruċjali biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda[46]. Il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' Land Salzburg milli jikkonforma ma' dak il-prinċipju jikkostitwixxi negliġenza serja.

---

[43] Ara n-nota ta' tmiem il-paġna k.

[44] Ara n-nota ta' tmiem il-paġna g.

[45] Ara n-noti ta' tmiem il-paġna r, s, t kif ukoll u

[46] Pereżempju, it-tieni paragrafu tal-paġna 24, tar-rapport imħejji mir-RH fl-2013, Land Salzburg- Finanzielle Lage, jiddikjara li, *"Fil-ġestjoni finanzjarja, is-separazzjoni tal-uffiċċju tan-negozjar (negozju) u l-back office (ħlas u kontroll) hija prinċipju tal-ICS essenzjali li jikkontribwixxi għall-assigurazzjoni tal-kwalità, li jagħmilha aktar diffiċli li xi ħadd jaġixxi b'mod mhux xieraq, u jiżgura l-konformità mar-regolamenti u t-traċċabiltà tat-tranżazzjonijiet."* Il-verżjoni oriġinali bil-Ġermaniż: " *Im Finanzmanagement ist die Trennung von Frontoffice (Handel) und Backoffice (Abwicklung und Kontrolle) ein wesentliches IKS– Prinzip, das zur Qualitätssicherung beiträgt, dolose Handlungen erschwert und die Einhaltung der Vorschriften sowie die Nachvollziehbarkeit der Geschäfte gewährleistet.*"

Barra minn hekk, paragrafu 9.1, paġna 72, tar-rapport ippreparat mil-RH fl-2013, Land Salzburg – Finanzielle Lage, jiddikara li, "*Minħabba n-nuqqas tal-possibbiltà li jiġi osservat il-prinċipju tal-erba' għajnejn aħjar minn tnejn, kontroll intern ma kienx jeżisti. Għalhekk, żbalji possibbli ma setgħux jinqabdu".* Fil-verżjoni Ġermaniża:

2.3.2. Frodi ta' firem u falsifikazzjoni ta' dokumenti


71. Waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg informa lill-Kummissjoni li ħafna firem kienu ffalsifikati mill-Kap imsemmija hawn fuq tal-Unità tal-Baġit bħala konsegwenza diretta tal-memo tal-2008 li jintroduċi l-bżonn għal xi wħud mit-tranżazzjonijiet finanzjarji li jiġu ffirmati minn żewġ impjegati[s].

72. Barra minn hekk, meta mitlub biex jispjega kif kien possibbli li xi kontijiet bankarji setgħu jiġu moħbija mill-RH meta dik l-entità wettqet awditi tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (ara taqsima 2.3.3.), l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li l-minuti u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ġew huma wkoll iffalsifikati mill-Kap tal-Unità tal-Baġit[t].

73. Bl-istess mod, ir-rapporti mfassla fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreparata mill-Unità tal-Baġit u ppreżentata mid-Dipartiment Finanzjarju għall-*Finanzbeirat* ġew iffalsifikati. Kien aċċertat mill-Kummissjoni li l-falsifikazzjoni setgħet bdiet mis-snin 2005/2006[u].

2.3.3. Kontijiet ekstra-baġitarji

Ċart 1: Flussi ta' flus fil-kontijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (miljun EUR)[47]



" *Aufgrund der fehlenden Möglichkeit, das Vier–Augen–Prinzip einzuhalten, war eine interne Kontrolle nicht gegeben. Dadurch konnten mögliche Fehler nicht entdeckt werden.*"

[47] Bħal fil-paġna 203 tar-rapport imħejji mill-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*.

74. Ċart 1 hawn fuq turi r-reġistrazzjoni tal-flussi tal-flus fil-kontabbiltà tal-Uffiċċju Statali fir-rigward tal-kontijiet baġitarji (*voranschlagswirksame Gebarung*) u Kontijiet ekstra-baġitarji (*voranschlagsunwirksame Gebarung*), għas-snin 2006 sal-2011. Kif spjegat hawn fuq, għas-snin analizzati, ir-reġistrazzjoni fil-*voranschlagswirksame* kienet taħt ir-responsabbiltà tal-Unità tal-Kontabbiltà u r-rapportar fil-*voranschlagsunwirksame* kien taħt ir-responsabbiltà tal-Unità tal-Baġit, anki jekk, fil-prinċipju, iż-żamma tal-kotba taż-żewġ settijiet ta' kontijiet kellha tkun taħt ir-responsabbiltà unika tal-Unità tal-Kontabbiltà[48].

75. Kif jista' jiġi osservat minn din iċ-ċart, għallinqas għas-snin 2006 sal-2011, it-tkabbir fid-dħul (EIN) u l-ħruġ (AUS) fil-kontijiet ekstra-baġitarji kienu ferm ogħla minn dak fil-kontijiet baġitarji.

76. Ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-Dipartiment Finanzjarju tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg beda jaħbi kontijiet bankarji taħt il-*voranschlagsunwirksame*[49] mill-2003 'il quddiem[v]. Anki jekk dawn il-kontijiet għandhom jinkludu biss l-oġġetti tat-tranżazzjoni (flussi), stokks ta' assi u obbligazzjonijiet kienu inklużi wkoll[w] [x], jiġifieri d-dejn ta' Land Salzburg inħeba taħt il-qafas tal-kontabbiltà, possibbilment mill-2003 'il quddiem.

77. Minkejja l-volum konsiderevoli tagħhom, il-*voranschlagsunwirksame* ma ġewx immonitorjati b'mod effettiv u effiċjenti mill-Unità tal-Kontabbiltà ta' Land Salzburg matul is-snin 2002 sal-2012[y]. Jidher li, kieku dawk il-kontijiet ġew issorveljati sew mill-Unità, l-irregolaritajiet setgħu possibbilment jiġu żvelati qabel l-2012.

78. Barra minn hekk, dawn l-irregolaritajiet kienu possibbli biss minħabba li mhux l-informazzjoni kollha mitluba mill-RH fil-kuntest tal-awditi tagħha ġiet ipprovduta mill-Kap tal-Unità tal-Baġit[z].

79. Fl-aħħarnett, il-flussi ta' mgħax li jikkonċernaw dawk l-istrumenti finanzjarji kienu wkoll irreġistrati fil-*voranschlagsunwirksame* u b'konsegwenza ta' dan ma kinux viżibbli fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Land Salzburg[aa].

80. It-tabella 2 turi l-imgħax pagabbli u riċevibbli fil-kontijiet nazzjonali Awstrijaċi, kif kien ipprovdut lill-Kummissjoni (Eurostat) minn STAT.

[48] Dan, kif muri fit-taqsima 2.2, ma kienx il-każ.

[49] Ara n-nota ta' tmiem il-paġna *t*

Tabella 2: Imgħax riċevibbli u pagabbli ta' Land Salzburg għas-snin 2002-2012

MEUR

	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
National Accounts compilation by STAT											
as of 30.09.2013											
D.41 receivable	**28**	**28**	**43**	**33**	**38**	**41**	**32**	**36**	**38**	**40**	**71**
Land Salzburg	*27*	*27*	*42*	*32*	*31*	*27*	*17*	*18*	*15*	*15*	*46*
Wohnbaufonds	*1*	*1*	*1*	*1*	*7*	*14*	*15*	*17*	*22*	*25*	*25*
ESA D.41 payable	**5**	**6**	**7**	**9**	**12**	**22**	**21**	**19**	**26**	**33**	**30**
Land Salzburg	*5*	*5*	*7*	*9*	*11*	*19*	*16*	*15*	*16*	*21*	*18*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*1*	*3*	*5*	*4*	*9*	*12*	*12*
EDP D.41 payable	**5**	**6**	**7**	**9**	**12**	**22**	**21**	**19**	**26**	**33**	**30**
Land Salzburg	*5*	*5*	*7*	*9*	*11*	*19*	*16*	*15*	*16*	*21*	*18*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*1*	*3*	*5*	*4*	*9*	*12*	*12*
as of 31.03.2014											
D.41 receivable	**28**	**28**	**43**	**33**	**38**	**41**	**32**	**36**	**38**	**40**	**72**
Land Salzburg	*27*	*27*	*42*	*32*	*31*	*27*	*17*	*18*	*15*	*15*	*47*
Wohnbaufonds	*1*	*1*	*1*	*1*	*7*	*14*	*15*	*17*	*22*	*25*	*25*
ESA D.41 payable	**5**	**6**	**7**	**9**	**12**	**22**	**21**	**19**	**26**	**33**	**76**
Land Salzburg	*5*	*5*	*7*	*9*	*11*	*19*	*16*	*15*	*16*	*21*	*63*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*1*	*3*	*5*	*4*	*9*	*12*	*12*
EDP D.41 payable	**5**	**6**	**7**	**9**	**12**	**22**	**21**	**19**	**26**	**33**	**23**
Land Salzburg	*5*	*5*	*7*	*9*	*11*	*19*	*16*	*15*	*16*	*21*	*11*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*1*	*3*	*5*	*4*	*9*	*12*	*12*
Revisions											
D.41 receivable	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
Land Salzburg	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*1*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*-1*
ESA D.41 payable	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**45**
Land Salzburg	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*46*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*
EDP D.41 payable	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**-7**
Land Salzburg	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*-7*
Wohnbaufonds	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*

81. L-ewwelnett, huwa l-fehim tal-Kummissjoni li l-imgħax pagabbli għandu jkun rivedut minn STAT għallinqas anki għas-snin 2010 u 2011, flimkien mar-reviżjonijiet li saru għad-dejn (ara Tabella 1). F'ittra mibgħuta minn STAT lil Eurostat fit-28 ta' Marzu 2014, ġie ddikjarat fir-rigward tar-reviżjonijiet għas-snin 2010 u 2011: *"Bħala riżultat wieħed għal-laqgħa bilaterali tagħna mal-uffiċjali minn Land Salzburg, hija ħaġa ċerta li l-ebda riżorsa addizzjonali ma hija se tkun iddedikata biex tiċċara ulterjorment snin preċedenti. Dan ifisser li l-istimi tagħna mhux ser jinbidlu".*

82. Barra minn hekk, hija l-fehma tal-Kummissjoni li, wara l-fatt li ġie aċċertat li d-dejn huwa sottovalutat għas-snin qabel l-2010, bħala konsegwenza l-imgħax pagabbli jista' wkoll ikun irrappreżentat ħażin, u għalhekk, hekk ukoll jista' jkun id-defiċit tal-gvern Awstrijakk għal dawk is-snin.

2.3.4. Self mill-OeBFA lil Land Salzburg

83. Kif jista' jiġi osservat fit-Tabella 1, mill-2006 'il quddiem, Land Salzburg beda jikseb il-finanzjament permezz tas-self mill-OeBFA. Kif ġie konkluż mid-dejta pprovduta minn STAT, il-fondi mislufa mill-OeBFA lil Land Salzburg, li għalihom, il-benefiċjarju finali

kien il-*Landeswohnbaufonds*, ġew irreġistrati fil-partita *Voranschlagsunwirksame Erläge*[50], fil-karta tal-bilanċ ta' Land Salzburg.

84. Fil-laqgħa li saret fit-8 ta' Settembru 2010 bejn STAT u l-Unità Baġitarja tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, STAT spjegat li l-fondi kollha mislufa mill-OeBFA għandhom jiġu rrapportati għall- finijiet tal-ESA u tal-EDP bħala assi ta' self tal-gvern federali u obbligazzjonijiet ta' self tal-gvern statali kkonċernat. Dak ir-reġistrar *de facto* jwassal ukoll għal żieda tal-*Finanzschulden*, kif definit skont il-linji gwida tal-kontabbiltà pubblika Awstrijaka[51]. Barra minn hekk, STAT informat lill-Unità tal-Baġit ta' Land Salzburg li l-*Voranschlagsunwirksame* huwa mmirat sabiex jinkludi biss oġġetti ta' tranżizzjoni (tranżazzjonijiet, flussi)[52], u mhux stokk "permanenti" ta' assi u obbligazzjonijiet.

85. Ir-reġistrazzjoni tal-maġġoranza tal-fondi fis-self lil *Landeswohnbaufonds* fil-*Voranschlagsunwirksame Erläge* ma tistax tiġi kkunsidrati bħala każ ta' rapportar ħażin, għax dan ma affettwax id-dejn tar-Repubblika tal-Awstrija, minħabba l-eżerċizzju ta' konsolidazzjoni mwettaq minn STAT. Madankollu, bħala osservazzjoni ġenerali, il-fatt li din il-partita tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ntużat biex tirreġistra stokks ta' obbligazzjonijiet tirrifletti użu ħażin serju tal-kontijiet u huwa sorprendenti li użu ħażin bħal dan li huwa faċilment traċċabbli tal-kontijiet ma ġie rilevat minn ebda entità tal-monitoraġġ.

86. Madankollu, parti (EUR 166 miljun; ara taqsima 2.1) tal-fondi mislufa mill-OeBFA lil Land Salzburg ma ġew fil-fatt irrapportati fl-ebda partita fil-karta tal-bilanċ[53]. Anki jekk STAT inkludiet dawk l-ammonti fid-dejn ta' Maastricht Awstrijakk skont il-prattiki tal-konsolidazzjonijiet tagħhom[54], in-nuqqas ta' dawk l-ammonti fil-karta tal-bilanċ tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg jammonta għal każ ta' dikjarazzjoni falza mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg lil entitajiet Awstrijaċi għall-istatistika u l-monitoraġġ.

[50] Hija, kif spjegat fit-taqsima 2.1, għandha tinkludi l-flus kontanti trasmessi permezz tal-kontijiet ta' Land Salzburg li huma dovuti lil entità terza.

[51] Kif jista' jiġi osservat fit-Tabella 1, li hija bbażata fuq il-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg u li, għall-2012, tinkludi dawk l-obbligazzjonijiet taħt il-partita *Finanzschulden*.

[52] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 50.

[53] Jirriżulta mill-iskambju tal-posta elettronika tas-27 ta' Settembru 2012 bejn STAT u l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (b'mod partikolari l-Kap tal-Unità tal-Baġit u d-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju, b'rappreżentant mill-OeBFA kkuppjat).

[54] Jiġifieri, f'każ ta' diskrepanzi bejn l-informazzjoni rrapportata mill-OeBFA u l-informazzjoni rrapportata minn Land Salzburg li tikkonċerna s-self tal-fondi li hu kien issellef, STAT użat l-informazzjoni rrapportata minn dak tal-ewwel fil-kumpilazzjoni tad-dejn ta' Maastricht, peress li hija kkunsidrata bħala l-aktar informazzjoni affidabli.

87. Barra minn hekk, għandu jiġi ddikjarat li l-prattiki ta' konsolidazzjoni mhux biss jinvolvu l-użu tal-aktar dejta affidabbli meta tiġi rilevata l-eżistenza ta' diskrepenza konsiderevoli, kif sar minn STAT matul dawk is-snin. L-aqwa prattiki ta' konsolidazzjoni għandhom ukoll jaħsbu biex jinfurmaw lill-awtoritajiet relevanti bl-eżistenza ta' tali diskrepanzi, peress li r-rapportar ħażin f'partita waħda jista' jimplika rapportar ħażin f'partiti oħrajn[55].

88. Bl-istess mod, l-OeNB infurmat lill-Kummissjoni li l-prattiki tal-kumpilazzjoni tal-OeNB, fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji involuti, li jqabblu d-dejta mhux ipproċessata dwar is-self riċevut mill-OeBFA mal-informazzjoni kkonsolidata kif ipprovduta minn STAT[bb]. Prattiki tajbin għall-konsolidazzjoni għandhom jinvolvu l-paragun ta' żewġ settijiet indipendenti ta' dejta mhux ipproċessata, aktar milli l-paragun ta' set wieħed ta' dejta mhux ipproċessa bi produzzjoni li tirriżulta minn dik l-istess dejta. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, huwa improbabbli li jkun hemm inkonsistenzi peress li sett ta' dejta wieħed jiġi derivat mill-ieħor.

89. Ir-rwol tal-LRH fir-reġistrar u l-użu tas-self mill-OeBFA għadu mhux ċar għall-Kummissjoni[56]. Fuq naħa waħda, l-OeBFA ddikjarat li l-kontroverifika tal-informazzjoni fir-rigward ta' dawn il-fondi hija r-responsabbilità tal-LRH[cc], iżda fuq in-naħa l-oħra l-LRH iddikjarat li l-kontroverifika hija r-responsabbiltà tal-OeBFA[dd]. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li, għall-perjodu ta' bejn l-2006 u l-2012, la l-OeBFA u lanqas l-LRH ma mmonitorjaw l-użu tal-fondi jew ir-reġistrazzjoni ta' tali fondi fil-kontijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

90. Barra minn hekk, fit-12 ta' Ottubru 2012, wara li rċeviet tabella minn STAT[57] li turi d-dejn ta' Land Salzburg mill-2011 'il quddiem, kif ġie ikkumpilat minn STAT (ara Tabella 1, ringiela 3), l-RH talbet għal aktar informazzjoni fuq il-EUR 1 050 miljun ta' dejn tal-'fondi'[58], u staqsiet b'mod aktar speċifiku għal liema fondi STAT kienet qiegħda tirreferi. Filwaqt, kif spjegat f'din it-taqsima, dan is-self għandu jiġi rreġistrat fil-karta tal-bilanċ ta' Land Salzburg bħala d-dejn ta' Land Salzburg, il-Kummissjoni ma rċivitx informazzjoni fuq aktar korrespondenza skambjata bejn iż-żewġ entitajiet fuq din il-kwistjoni, jiġifieri, il-Kummissjoni mhijiex konxja li l-RH, quddiem l-użu ħażin tal-kontijiet ta' Land Salzburg, kompliet qajmet il-kwistjoni jew ma' STAT jew mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

---

[55] Fl-osservazzjonijiet tal-Awstrija tal-25 ta' Jannar 2017 fuq is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni, STAT issostni li dejjem informat lill-entitajiet relevanti dwar il-konsolidazzjoni u l-aġġustamenti mwettqa għall-finijiet ta' kumpilazzjoni tal-ESA/EDP.

[56] Fl-osservazzjoni tal-Awstrija tal-25 ta' Jannar 2017 fuq is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni, l-OeBFA tenniet li waħda mir-responsabbilitajiet tal-LRH hija li timmonitorja r-reġistrazzjoni u l-użu tas-self ipprovduti mill-OeBFA għal-Länder.

[57] Mibgħuta fit-2 ta' Ottubru 2012

[58] *Landesfonds*

91. Kif imsemmi hawn fuq, ir-rapportar żbaljat fuq is-self mill-OeBFA ma affettwax id-dejn tar-Repubblika tal-Awstrija, minħabba l-eżercizzju tal-konsolidazzjoni tal-proċedura standard imwettaq minn STAT. Madankollu, huwa importanti li jiġi enfasizzat li kieku l-awtoritajiet tal-istatistika u tal-monitoraġġ taw aktar attenzjoni u wettqu segwitu attiv għal dawn l-inkonsistenzi fi żmien xieraq, dan awtomatikament kien iwassal għall-analiżi aktar mill-qrib u aktar fil-fond tat-totalità tad-dikjarazzjonijiet fnanzjarji tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg. B'hekk, tali azzjoni kienet ċertament tiżvela r-rapportar ħażin fi stadju aktar bikri, peress li kif spjegjat f'taqsima 2.3.3, id-dejn ta' Land Salzburg kien moħbi taħt il-kontijiet ekstra-baġitarji. Kif stabbilit f'dan ir-rapport, il-kontijiet ekstra-baġitarji qatt ma ġew soġġetti għall-analiżi eżawrjenti.

2.3.5. Reġistrazzjoni ta' titoli (obbligazzjonijiet)

92. Fl-2011, STAT ġiet infurmata mill-OeNB[59] li l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg issellef flus permezz tal-bejgħ ta' bonds li fl-2010 ammontaw għal EUR 300 miljun. Kif diskuss internament minn STAT[60], dawk it-titoli ma kinux jidhru fil-kontijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg irrapportati lil STAT. Anki jekk tali ammont ma ġiex irrapportat fil-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg (fi kwalunkwe punt ta' passiv), STAT ħadet id-deċiżjoni li ssegwi s-sors dirett tad-dejta tal-OeNB u għalhekk li tinkludihom fid-dejn ta' Land Salzburg.

93. Meta l-RH[61] indagat fid-differenzi bejn id-dejn irrapportat minn Land Salzburg (*Finanzschulden*) u t-tabella prodotta minn STAT li turi d-dejn ta' kull Länder, STAT spjegat lill-RH li, fost oħrajn, id-differenza inkludiet EUR 300 miljun rigward titoli "*li aħna ma sibna mkien fir-Rechnungsabschluss"*.

94. Din il-kjarifika permezz ta' STAT setgħet iġġustifikat segwitu immedjat mill-RH, pereżempju billi tibda proċedura ġdida ta' awditu. Il-Kummissjoni mhijiex konxja li sar kwalunkwe segwitu immedjat u urġenti għal din il-kwistjoni minn RH.

2.3.6. Derivattivi finanzjarji

95. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni, l-Awstrija targumenta li skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009, obbligazzonijiet li jirriżultaw minn derivattivi finanzjarji mhumiex parti mid-dejn pubbliku [62]. Għalkemm din id-dikjarazzjoni hija korretta *strictu sensu*, ir-raġuni għaliex hija relevanti biex tindirizza l-kwistjoni tad-derivattivi finanzjarji tirrelata mal-fatt li Land Salzburg kellu jġarrab dejn

[59] Tali informazzjoni inkluża fid-database ta' titolu b'titolu ma ġietx mill-kontijiet tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iżda mill-kontroparti (jiġifieri min isellef).

[60] Posta elettronika tal-21 ta' Settembru 2011, ipprovduta lill-Kummissjoni (Eurostat).

[61] Posta elettronika tal-31 ta' Awwissu 2012.

[62] Introduzzjoni, punt 1.5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

biex jiffinanzja l-investimenti tiegħu f'derivattivi finanzjarji. Dan huwa l-istess dejn li kien ġie rrappreżentat ħażin fid-defiċit u fid-dejta tad-dejn ta' Land Salzburg.

96. F'Lulju 2009, l-RH ħarġet rapport tal-awditjar[63] li jagħmel reviżjoni komparattiva tal-finanzjament u l-investiment tal-Gvern Federali u ta' diversi *Länder* u *Gemeinde*[64], li jiffoka fuq kull waħda mill-entitajiet spezzjonati, fosthom Land Salzburg. Dak ir-rapport tal-awditjar kopra l-perjodu mill-2002 sal-2006, iżda xi żviluppi ewlenin fl-2007 u fl-2008 ġew ikkunsidrati wkoll.

97. Is-Sommarju Eżekuttiv tagħha jgħid li, "*Land Salzburg wettaq tranżazzjonijiet derivattivi b'volum għoli u b'riskju kbir, mingħajr ma ġie infurmat b'mod adegwat, matul il-perjodu kollu, fuq ir-riskji involuti u r-riskji globali tal-finanzjament tiegħu. Linji gwida ddettaljati kif ukoll analiżi tar-riskju kontinwa u reviżjonijiet komprensivi tal-portafoll kollu ġew introdotti biss madwar ħames snin wara l-bidu ta' dawn it-tip ta' tranżazzjonijiet. Id-dħul gross imwettaq mit-transazzjonijiet derivattivi kien ugwali għal EUR 210,38 miljun, li minnhom EUR 65,04 miljuni ġew trasferiti għall-baġit tal-Istat.*"[65]

98. Fil-fatt, l-investiment f'derivattivi finanzjarji sar mill-Unità tal-Baġit fil-kuntest ta' politika globali ta' Land Salzburg u l-istituzzjonijiet relevanti kkonċernati kollha ġew infurmati li l-Unità tal-Baġit kienet qed tinvesti f'tali tranżazzjonijiet[ee].Sar magħruf ukoll li dawk l-investimenti kienu inklużi fil-*Voranschlagsunwirksamen Gebarung*[66]. Minkejja dan, il-Kummissjoni mhijiex konxja ta' sforzi minn xi istituzzjoni relevanti f'Land Salzburg (il-Landtag, l-LRH, il-Gvern Statali u l-Uffiċċju Statali) biex issegwi mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet tal-RH u kkonkludiet ukoll f'dan ir-rapport li fil-fatt il-*Voranschlagsunwirksamen Gebarung* ma kienx issorvelja b'mod effettiv. Kieku l-istituzzjonijiet relevanti ta' Land Salzburg segwew mill-qrib ir-rakkomandazzjonijiet tal-RH biex jimmonitorjaw l-użu ta' tali strumenti finanzjarji, il-*Voranschlagsunwirksamen Gebarung* kien ikun il-mira ta' kontroll effettiv, u b'konsegwenza ta' dan ir-rappreżentazzjoni ħażina tad-dejn kienet tkun ċertament evitata.

---

[63] Finanzierungsinstrumente der Gebietskörperschaften mit Schwerpunkt Land Salzburg, http://www.rechnungshof.gv.at/fileadmin/downloads/2009/berichte/teilberichte/salzburg/sbg_2009_03/Sbg_2009_3_2.pdf

[64] Il-muniċipalitajiet lokali

[65]Verżjoni oriġinali bil-lingwa Ġermaniża: *Das Land Salzburg führte Derivativgeschäfte mit hohem Volumen und Risiko durch, ohne über den gesamten Zeitraum über die damit verbundenen Risiken und die Gesamtrisiken seiner Finanzierungen ausreichend informiert gewesen zu sein. Ausführliche schriftliche Richtlinien sowie laufende Risikoanalysen und umfassende Bewertungen des gesamten Portfolios wurden erst rd.fünf Jahre nach Aufnahme der Geschäfte eingeführt. Das erzielte Bruttoergebnis aus Derivativgeschäften von 210,38 Mill. EUR wurde in Höhe von 65,04 Mill.EUR dem Landeshaushalt zugeführt.*

[66] Ara n-nota ta' tmiem il-paġna *t*.

99. Fl-aħħarnett, u filwaqt li parzjalment tiġi kkunsidrata l-pubbliċità tar-rapporti mill-RH, parzjalment il-fatt li eżistew swaps imdaqqsa ta' valuti differenti bejn l-OeBFA u Land Salzburg, kif ukoll *Länder* ieħor, il-Kummissjoni hija sorpriża li ssib li, għas-snin taħt analiżi, l-ebda fluss jew stokk ta' derivattivi finanzjarji ma ġie rrapportat fil-kontijiet nazzjonali għas-settur S.1312 kollu (settur tal-gvern statali), anki jekk l-OeBFA ċertament li tkun infurmat lill-awtoritajiet tal-istatistika dwar dawn l-iswaps bejn valuta u oħra.

2.4. Deskrizzjoni tal-avvenimenti fil-perjodu ta' bejn Mejju 2012 u Diċembru 2012

100. Skont il-komunikazzjoni interna li kellu aċċess għaliha l-RH u kif ikkonfermat mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha fl-Awstrija bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2016, l-avvenimenti żvolġew kif ġej:

- Skont ir-rapport tal-RH ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2013, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju informa lill-Kap tad-Dipartiment tal-Persunal f'Mejju 2012 li l-Kap tal-Unità tal-Baġit aġixxiet kontra l-politiki u l-istruzzjonijiet tas-servizz tal-Uffiċċju Statali.

- Fis-17 ta' Lulju 2012, il-*Finanzreferent* ġie infurmat b'dawk il-fatti, irtira l-prokuri tal-Kap tal-Unità tal-Baġit għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet u kkanċella xi tranżazzjonijiet[ff]. Barra minn hekk, minn dakinhar 'il quddiem, il-Kap tal-Unità tal-Baġit ħadet il-leave sat-12 ta' Settembru 2012;

- Fit-23 ta' Awwissu 2012, Land Salzburg bagħtet l-opinjoni tagħha fuq ir-rapport ta' segwitu tal-RH għall-RH. L-ebda wieħed minn dawn il-fatti żvelati[67] ma ssemma' f'dik l-opinjoni minn Land Salzburg għall-Qorti Federali Awstrijaka tal-Awdituri[gg hh];

- Fl-1 ta' Settembru 2012, il-*Finanzreferent* u d-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju rreklutaw ħaddiem ġdid[68] biex jinvestiga ulterjorment id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Land Salzburg;

- Fl-ewwel parti ta' Ottubru 2012, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju informa lil xi impjegati tad-Dipartiment Finanzjarju li l-portafoll analizzat minnhom kien fil-fatt parti biss mill-portafoll totali, jiġifieri li parti mill-portafoll ġiet moħbija[ii];

- Fit-tieni nofs ta' Ottubru 2012, il-*Finanzreferent* u d-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju ddeċidew b'mod konġunt fuq it-terminazzjoni tat-tranżazzjonijiet f'munita barranija u tranżazzjonijiet oħrajn[jj]. L-impjegat il-ġdid li ġie rreklutat fl-1 ta'

[67] Jiġifieri, li l-Kap tal-Unità tal-Baġit kienet aġixxiet kontra l-politika u l-istruzzjonijiet tas-servizz tal-Uffiċċju Statali, li l-prokuri tal-Kap tal-Unità tal-Baġit kienu ġew irtirati u li xi tranżazzjonijiet intemmu kmieni.

[68] Dak l-impjegat kien eks impjegat tad-Deutsche Bank li kien organizza t-tranżazzjonijiet finanzjarji bejn id-Deutsche Bank u Land Salzburg sa mill-2002.

Settembru 2012[69] tqabbad iwettaq tali kanċellazzjoni bikrija ta' tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet. Fost oħrajn, il-pożizzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji mad-Deutsche Bank ġew ikkanċellati, u dan wassal għal telf ta' EUR 56 miljun għal Land Salzburg[70];

- Fit-23 ta' Ottubru 2012, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju rrapporta lill-Bord Konsultattiv Finanzjarju l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet finanzjarji addizzjonali li sa dak iż-żmien ma kinux issemmew fir-rapport tal-portafoll indirizzat lil dak il-Bord.

- Fil-bidu ta' Novembru 2012, il-Kap tal-Unità tal-Baġit ċaħdet li kienet involuta fi tranżazzjonijiet riskjużi f'isem Land Salzburg meta interrogata mill-*Finanzreferent*, mid-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju u mill-Kap tal-LRH. Hija ddikjarat in-nuqqas ta' involviment tagħha mill-ġdid qabel il-*Landtag*[kk];

- Fis-26 ta' Novembru 2012, il-Kap tal-Unità tal-Baġit għarrfet lis-superjuri immedjati tagħha li ħbiet telf fuq il-kotba ta' EUR 340 miljun f'investimenti finanzjarji u b'konsegwenza ta' dan tkeċċiet[71];

101. Fis-6 ta' Diċembru 2012, il-*Finanzreferent* ta' Land Salzburg, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju u l-Kap tal-LRH, ħabbru f'konferenza stampa li "*ġejna mqarrqa*" ("*Wir sind getäuscht worden*"). Fil-qosor, ħabbru li Land Salzburg sofriet "*telf purament tal-kontabbiltà*" ta' EUR 340 miljun f'investimenti ta' derivattivi finanzjarji, jiġifieri permezz ta' kuntratti ta' swap tal-muniti u tar-rati tal-imgħax. Ġie enfasizzat ukoll fil-konferenza stampa li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ statali u federali kienu fallew[72].

102. Fl-għodwa tal-istess ġurnata, jiġifieri s-6 ta' Diċembru 2012, ir-rapport ta' segwitu ġie ppubblikat mill-RH[73] u ġie ppreżentat f'konferenza stampa[74]. Minħabba li l-

[69] Paġna 34, tar-rapport imħejji mill-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*, il-verżjoni lingwistika oriġinali," *Der zuständige Finanzreferent Mag.David Brenner und der Leiter der Finanzabteilung vereinbarten am 15. Oktober 2012 die Auflösung der meisten Fremdwährungsgeschäfte und eines großen Teils der übrigen Geschäfte ohne Nachteil für den Rechnungsabschluss. Protokolle über diese Vereinbarung sowie über Gespräche mit dem Finanzbeirat konnten nicht vorgelegt werden. Der Vereinbarung lag keine schriftliche Strategie zugrunde. Von Oktober bis Dezember 2012 beendete das Land rd. 300 Finanzgeschäfte (davon 245 Derivate) vor Ablauf ihrer Fälligkeit. Die Abwicklung und Entscheidung über die Auflösung der Einzelgeschäfte lag im Ermessen eines einzelnen Mitarbeiters.*"

[70] Paġni 166-167, tar-rapport imħejji mir-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*,

[71] Paġna 67, tar-rapport ippreparat mill-RH fl-2013, *Land Salzburg – Finanzielle Lage*

[72] http://www.salzburg.com/nachrichten/salzburg/politik/sn/artikel/finanzskandal-in-salzburg-340-mill-verlust-durch-spekulationen-38965/

[73] *Finanzierungsinstrumente der Gebietskörperschaften in den Ländern Burgenland und Salzburg; Follow-up-Überprüfung* , http://www.rechnungshof.gv.at/berichte/ansicht/detail/finanzierungsinstrumente-der-gebietskoerperschaften-in-den-laendern-burgenland-und-salzburg-follow-up-ueberpruefung-1.html

informazzjoni relevanti ġiet moħbija mill-RH, ir-rapport ta' segwitu kien qarrieqi fir-rigward tal-istat reali tal-affarijiet.

103. Għalhekk jidher li minn Mejju sa Diċembru 2012 (jiġifieri, għal aktar minn 6 xhur), il-Gvern Statali ta' Land Salzburg, li f'dak l-istadju kien tal-inqas informat parzjalment bil-fatti, ħeba informazzjoni rilevanti li hu kellu l-obbligu li jipprovdi mill-inqas lill-RH, lill-awtoritajiet tal-istatistika u possibbilment lil korpi oħrajn. Minflok, mit-tieni nofs ta' Ottubru ntemmu kmieni madwar 300 investiment finanzjarju mill-amministrazzjoni u l-gvern ta' Land Salzburg[75], fid-diskrezzjoni ta' membru wieħed tal-persunal.

104. Kien biss fit 22 ta' Jannar 2013 li l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg u STAT iddiskutew uffiċjalment il-kwistjoni tal-eżistenza ta' manipulazzjonijiet fil-kontijiet ta' Land Salzburg.

105. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħabi ta' tagħrif rilevanti mill-uffiċjali taż-żona tal-ġestjoni finanzjarja u l-gvern ta' Land Salzburg għall-RH bejn Mejju 2012 u Diċembru 2012 kien ukoll il-kawża għall-konklużjonijiet inkoretti u mhux kompluti tar-rapport ta' segwitu tal-RH tal-2012, li ġie finalment ippubblikat fis-6 ta' Diċembru 2012.

2.5. Diċembru 2012 sa Ottubru 2013: il-fatti kif irreġistrati minn STAT

106. Skont il-komunikazzjonijiet interni ta' STAT u dikjarazzjonijiet ipprovduti mill-entitajiet ikkonċernati li għalihom il-Kummissjoni ngħatat aċċess matul l-investigazzjoni tagħha fl-Awstrija bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2016, ġie aċċertat li:

- Fil-kuntest tal-konferenza stampa ta' Land Salzburg fis-6 ta' Diċembru 2012, STAT saret taf b'xi problemi potenzjali bid-dejta fil-Land Salzburg[ll];
- Matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, STAT stqarret li, għall-perjodu bejn Diċembru 2012 u Mejju 2013, ma ġiet skambjata l-ebda informazzjoni bejn Land Salzburg u STAT fuq il-kwistjoni[mm];
- Mill-10 ta' Diċembru 2012, STAT bdiet tirċievi mistoqsijiet mill-BMF fuq il-kontijiet ta' Land Salzburg, b'mod partikolari fuq id-dejn tiegħu;

---

[74] Dan ir-rapport ta' segwitu kkonkluda li, *"Il-Land Salzburg implimenta kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-RH. Madankollu, kompla jinvolvi ruħu fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi kumplessi u riskjużi biex jiġi ġġenerat dħul addizzjonali. Madankollu, il-pożizzjonijiet ta' riskju tnaqqsu b'mod sinifikanti permezz tal-konklużjoni ta' tranżazzjonijiet addizzjonali tal-iħħeġġjar."* Fil-verżjoni Ġermaniża: " *Das Land Salzburg setzte fast alle Empfehlungen des RH um. Es schloss jedoch weiterhin komplexe - mit Risiko behaftete - Derivativgeschäfte ab, um dadurch zusätzliche Erträge zu erwirtschaften. Allerdings wurden durch den Abschluss zusätzlicher Sicherungsgeschäfte die Risikopositionen stark reduziert.*"

[75] Paġna 34, tar-rapport imħejji mill-RH fl-2013, Land Salzburg - Finanzielle Lage, fil-verżjoni oriġinali bil-lingwa Ġermaniża, tiddikjara: "*Von Oktober bis Dezember 2012 beendete das Land Salzburg rd.300 Finanzgeschäfte (davon 245 Derivate) vor Ablauf der Fälligkeit ohne konkrete schriftliche Strategie*."

- Fit-22 ta' Jannar 2013, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg u STAT skambjaw xi posta elettronika. F'waħda minn dawn l-ittri elettroniċi, STAT tgħid: *"Min-naħa tagħna, aħna interessati ħafna fir-rapporti interim dwar il-finanzi ta' Land Salzburg sabiex tinkiseb stampa tal-bidliet / reviżjonijiet li ġew għandna, jew għal dak ir-rapportar ħażin u l-manipulazzjonijiet li aħna ġejna esposti għalihom.*[76]"

- Fit-30 ta' Jannar 2013, STAT ipproponiet li jkun hemm laqgħa mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, fil-bini ta' STAT, għalkemm ingħad li din il-laqgħa ma setgħetx tkun qabel l-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2013;

- Fil-31 ta' Jannar 2013, wara li qrat fl-istampa dwar l-użu ta' materjal ta' derivattivi finanzjarji fil-*Länder* Awstrijakk, l-Eurostat ħadet l-inizjattiva li tikkuntattja lil STAT. Il-kwistjonijiet diskussi f'dik il-konverżazzjoni ikkonċernaw it-trattament ta' kontabblilità ġeneriku tad-derivattivi finanzjarji fil-kontijiet nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-*Länder* l-Awstrija t'Isfel u Salzburg issemmew minn STAT bħala *Länder* li jużaw strumenti finanzjarji bħal dawn. F'dik il-konversazzjoni, STAT infurmat lil Eurostat li kienu qed jitħejjew laqgħat ma' dawk il-*Länder* biex jiġu diskussi kwistjonijiet ġenerali, inkluż l-użu ta' derivattivi finanzjarji. Madankollu, fl-ebda punt matul il-konverżazzjoni ma kien hemm xi referenza għall-allegata mġiba illegali tal-uffiċjali ta' Land Salzburg jew ta' rapportar ħażin ta' operazzjonijiet (kontijiet bankarji moħbija jew dejn) ta' Land Salzburg jew l-eżistenza ta' derivattivi finanzjarji li qabel kienu mhux irrapportati;

- Fil-5 ta' Marzu 2013, kien hemm laqgħa bilaterali bejn STAT u l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg fi Vjenna;

- Fis-27 ta' Marzu 2013[77], l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg informa lil STAT li, wara rapport minn awditur privat indipendenti estern, kien ġie aċċertat li l-obbligazzjonijiet ikkonsolidati ta' Land Salzburg kienu jammontaw għal EUR 3 507 miljuni, għalkemm ma tista' tiġi pprovduta l-ebda analiżi ta' dak l-ammont. Il-Kummissjoni mhijiex konxja li seħħ xi segwitu speċifiku urġenti u proporzjonat sabiex jiġi aċċertat kemm l-ammont reali kif ukoll in-natura ta' dawn l-obbligazzjonijiet;

- F'April 2013, il-Eurostat u STAT iddiskutew, taħt it-talba regolari għall-kjarifika, in-notifika tal-EDP ta' April 2013 dwar l-Awstrija, fejn għal darb'oħra, l-Eurostat ħa l-inizjattiva li jinvestiga dwar ir-reġistrazzjoni ġenerali ta' derivattivi finanzjarji fuq il-*Länder* Awstrijakk. Fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet tal-Eurostat, STAT għal

[76] Fil-verżjoni oriġinali bil-lingwa Ġermaniża: "*Wir unsererseits waren sehr interessiert an den Zwischenberichten über die Finanzen des Landes Salzburg, um uns ein Bild zu machen von den Änderungen/Revisionen die auf uns zukommen, bzw.welchen Machinationen und Manipulationen wir da aufgesessen sind*."

[77] Erbat ijiem qabel in-notifika tal-EDP ta' April 2013.

darb'oħra ma ssemmitx l-allegata mġiba illegali ta' uffiċjali ta' Land Salzburg jew ir-rapportar ħażin ta' operazzjonijiet. Barra minn hekk, STAT kitbet li hija ma setgħet tipprovdi ebda informazzjoni kwantitattiva, iżda li hija ma tistenniex reviżjonijiet maġġuri għad-dejta tad-dejn tal-EDP dwar l-użu tad-derivati fil-*Länder* Awstrijakk.

- Fis-7 ta' Mejju 2013, saret laqgħa bejn STAT u l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg. F'din il-laqgħa, STAT irrikonoxxiet li jista' jkun hemm problemi bir-reġistrazzjoni tad-derivattivi u d-dejn fil-Land Salzburg[nn]. STAT u l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg qablu li għandu jintbagħat sett sħiħ ta' dejta ta' kontijiet pubbliċi għall-2012 lil STAT fl-aħħar ta' Awwissu 2013[oo]

- F'Awwissu 2013, Land Salzburg bagħat flussi biss (l-ebda stokks) lil STAT[pp];

- F'Settembru 2013, xorta fin-nuqqas ta' dejta annwali, STAT użat dejta ta' kull tliet xhur ipprovduta mil-Land Salzburg biex tikkompila d-dejta ESA / EDP [qq];

- Għall-perjodu kollu bejn is-6 ta' Diċembru 2012 u d-9 ta' Ottubru 2013 ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn l-RH, li kienet diġà qed tinvestiga l-kwistjoni, u STAT[rr];

- Fid-9 ta' Ottubru 2013, l-RH ippubblikat ir-rapport tagħha "*Land Salzburg - Finanzielle Lage*";

- Fl-10 ta' Ottubru 2013, il-kwistjoni nġiebet għall-attenzjoni tal-Eurostat għall-ewwel darba, jiġifieri għaxar xhur wara li l-kwistjoni tressqet għall-attenzjoni ta' STAT;

- Fil-11 ta' Ottubru 2013, STAT bagħtet l-ewwel kummenti tagħha lill-Eurostat fuq ir-rapport tal-RH, ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2013, fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Land Salzburg;

- Fil-21 ta' Ottubru 2013, l-Eurostat ippubblika l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tagħha fuq id-defiċit u d-dejn tal-gvern, fejn esprima riżerva dwar il-kwalità tad-dejta rapportata mill-Awstrija[78];

- Fil-31 ta' Marzu 2014, STAT irrapportat in-notifika tal-EDP ta' April 2014 lill-Eurostat. Il-livell tal-kontribuzzjoni ta' Land Salzburg għad-dejn ta' Maastricht, għall-2012, ġie rivedut 'l fuq minn EUR 1 192 miljun għal EUR 3 507 miljuni, jiġifieri,

[78] "*Eurostat qed jesprimi riżerva dwar il-kwalità tad-dejta rrapportata mill-Awstrija, minħabba xi inċertezzi dwar l-impatt statistiku tal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Uffiċċju Federali tal-Verifika dwar il-Land ta' Salzburg, ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2013. Ir-rapport żvela nuqqasijiet rigward il-ġestjoni finanzjarja u l-kompletezza tal-kontijiet pubbliċi tal-Land ta' Salzburg. L-implikazzjonijiet statistiċi tal-verifika tad-dejta tal-EDP qed jiġu investigati mill-uffiċċju tal-istatistika tal-Awstrija b'kollaborazzjoni ma' Eurostat, sabiex jiġu ċċarati l-impatti preċiżi fuq l-2012 u wkoll fuq is-snin preċedenti. Jista' jkun li dan se jwassal għal reviżjoni 'l fuq tad-dejn tal-gvern sa massimu ta' nofs persentaġġ tal-PDG, b'aktar reviżjonijiet minuri lid-defiċit tal-gvern, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dan il-punt."*

eżattament l-ammont li kien ġie ssenjalat mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg lil STAT fis-27 ta' Marzu 2013;

- Fit-23 ta' April 2014, Eurostat irtira r-riżerva tiegħu fuq id-dejta Awstrijaka.

2.5.1. Informazzjoni tal-Kummissjoni

107. Il-kronoloġija tal-avvenimenti turi li STAT infurmat lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar ir-rapportar ħażin f'Land Salzburg fl-10 ta' Ottubru 2013 biss. Madankollu, ġie aċċertat li STAT ġiet infurmata bil-mod dwar dawk il-fatti mis-6 ta' Diċembru 2012 'il quddiem. B'mod partikolari, kien ċar għal STAT, għalinqas sa mit-22 ta' Jannar 2013 li f'Land Salzburg seħħew "rapportar ħażin u manipulazzjonijiet".

108. Anki jekk fl-osservazzjonijiet tal-Awstrija tal-25 ta' Jannar 2017 dwar is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni, STAT argumentat li hija informat lill-Eurostat dwar ir-rappreżentazzjoni ħażina f'Land Salzburg fil-31 ta' Jannar 2013[79], ir-rekords juru li t-tali stqarrija kienet ineżatta. L-ewwelnett, din seħħet bl-inizjattiva tal-Eurostat, u mhux billi STAT informat b'mod pro-attiv lill-Eurostat. Ir-rekords juru wkoll li l-informazzjoni kondiviża minn STAT ma kien fiha ebda informazzjoni jew għarfien dwar l-allegata mġiba illegali tal-uffiċjali ta' Land Salzburg jew fuq ir-rapportar ħażin tal-operazzjonijiet. Fil-fatt, hija sempliċement segwiet fuq il-konferenza stampa mill-RH tas-6 ta' Diċembru 2012 - mhux fuq dik minn Land Salzburg fl-istess jum - rigward il-pubblikazzjoni tar-reviżjoni ta' segwitu tal-RH fuq l-użu ta' derivattivi finanzjarji fil-*Länder* Awstrijak, li għar-raġunijiet diġà spjegati ma kien fiha ebda għarfien jew informazzjoni dwar ir-rappreżentazzjoni ħażina f'Land Salzburg.

109. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg dwar ir-riżultati ta' awditu estern indipendenti, kellu jkun ċar għal STAT, għallinqas mis-27 ta' Marzu 2013, li l-livell ta' dejn ta' Land Salzburg jista' fil-fatt ikun ferm akbar milli kien previst minn STAT. Minħabba li STAT, erbat ijiem wara, bagħtet dejta lill-Eurostat fil-kuntest tan-notifika tal-EDP ta' April 2013, hija l-fehma tal-Kummissjoni li kellu jsir segwitu prattiku immedjat u urġenti minn STAT wara li rċeviet dik l-informazzjoni minn Land Salzburg. Jidher li ma ttieħdux passi bħal dawn. Barra minn hekk, anki jekk f'perjodu qasir bħal dan ma jkunx possibbli li l-kwistjoni tingħata segwitu komprensiv, peress li seta' ma kienx assolutament ċar għal STAT liema tip ta' strumenti finanzjarji ġew inklużi f'dan l-ammont, hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li, skont il-prinċipju ta' diliġenza dovuta, STAT kellha tinforma lill-Eurostat immedjatament wara s-27 ta' Marzu 2013 dwar l-ammont ipprovdut mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg lil STAT.

110. L-informar lill-Eurostat seta' għamel dan, għallinqas, biex issir diskussjoni bilaterali dwar kif wieħed għandu jipproċedi b'din il-kwistjoni u jekk, fin-nuqqas ta' informazzjoni

[79] Paragrafu B.18 tal-osservazzjonijiet minn STAT, Anness II tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' appoġġ.

aktar dettaljata, jew li l-informazzjoni kwantitattiva pprovduta minn Land Salzburg tintuża bħala indikatur għall-korrezzjoni meħtieġa tad-dejn ta' Maastricht jew, min-naħa l-oħra, li l-Eurostat jitwassal sabiex jesprimi riserva dwar id-dejta Awstrijaka minħabba l-inċertezza involuta.

111. L-argument ta' STAT li hija kienet infurmat bis-sħiħ lill-Eurostat għallinqas mill-31 ta' Jannar 2013, huwa inkonsistenti mad-dikjarazzjoni tagħha li hija ma skambjat ebda informazzjoni ma' Land Salzburg qabel Mejju 2013. Min-naħa l-oħra, id-dikjarazzjoni ta' STAT li hija ma kienet skambjat ebda informazzjoni ma' Land Salzburg qabel Mejju 2013 hija inkompatibbli mal-informazzjoni li skambjat mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, għallinqas, fit-22 ta' Jannar u fis-27 ta' Marzu 2013.

112. Barra minn hekk, anki meta ġiet mistoqsija, waqt in-notifika EDP ta' April 2013 dwar aktar informazzjoni dwar l-użu ta' derivattivi finanzjarji fil-*Länder* Awstrijakk, STAT iddeċiediet li ma taqsamx ma' Eurostat l-informazzjoni kwantitattiva li kienet irċeviet fis-27 ta' Marzu 2013 mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg.

113. Fl-aħħarnett, anki jekk STAT tgħid li fis-7 ta' Mejju 2013 hi kienet irrikonoxxiet li jista' jkun hemm kwistjonijiet bir-rapportar tad-dejn tal-EDP minn Land Salzburg, hija reġgħet iddeċidiet li ma taqsamx din l-informazzjoni ma' Eurostat - li fl-aħħar mill-aħħar seħħ biss f'Ottubru 2013.

3. VALUTAZZJONI TAS-SEJBIET

114. Dan ir-rapport juri li seħħew irregolaritajiet serji fil-kompilazzjoni, il-kontroll u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll mhux finanzjarji, f'Land Salzburg fuq perjodu sinifikanti ta' żmien. Ma kienx hemm konformità mar-regoli tal-kontabilità pubblika, il-kontroll kien nieqes, il-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn ma ġiex rispettat, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji ma ġewx irrapportati b'mod xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet mill-RH ġew injorati, id-dokumentazzjoni ġiet iffalsifikata, il-firem ġew iffalsifikati wkoll u informazzjoni qarrieqa ntbagħtet lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika kif ukoll lill-RH, u dan kollu wassal għar-rapportar mhux korrett tal-kontijiet finanzjarji, u b'hekk għar-rapportar mhux korrett tad-dejta dwar id-dejn għall-Awstrija għallinqas mill-2008.

115. Ir-rapportar ħażin ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u l-ħabi ta' kontijiet bankarji beda fl-2003. L-għoti tas-setgħat, fl-2002, lid-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju u liż-żewġ impjegati tal-Unità tal-Baġit, wassal għal sitwazzjoni fejn kien possibbli li jiġu konklużi tranżazzjonijiet finanzjarji ta' riskju kbir u li jinfetħu mijiet ta' kontijiet bankarji li kienu moħbija fis-sistemi tal-kontabbiltà ta' Land Salzburg.

116. Matul l-istess perjodu ta' żmien, l-Awditjar Intern u l-Unità tal-Kontabbiltà fl-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg kienu eżentati permezz ta' digriet jew preskrizzjoni, rispettivament, mill-analiżi tat-tranżazzjonijiet tal-Unità tal-Baġit u mill-analiżi tar-reġistrazzjoni ta' dawk it-tranżazzjoniijet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

117. Bl-istess mod, bejn l-2002 u l-2012, la l-LRH u lanqas l-RH ma wettqu xi awditu fil-fond effettiv tal-kontijiet finanzjarji ta' Land Salzburg. B'mod partikolari, huma ma vverifikawx il-*voranschlagsunwirksame Gebarung* li, kif muri fiċ-Ċart 1 u fit-taqsima 2.3.3., laħqet aktar minn EUR 26 biljun ta' dħul u ħruġ fl-2011 u inkludiet *de facto* t-tranżazzjonijiet u stokkijiet mhux irrapportati, filwaqt li fil-prinċipju huma kellhom jinkludu biss flussi ekstrabaġitarji u mhux obbligazzjonijiet rilevanti għal Maastricht.

118. Dawk il-prattiki irregolari ġew magħmula pubbliċi fl-2012, wara konferenza stampa li saret fis-6 ta' Diċembru 2012 mill-*Finanzreferent*, id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju u l-Kap tal-LRH ta' Land Salzburg. Dan ir-rapport juri wkoll li l-fatti setgħu ġew żvelati qabel, kieku informazzjoni rilevanti ġiet magħmula disponibbli b'mod sħiħ mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg għall-awtoritajiet ta' monitoraġġ, ġudizzjarja u tal-istatistika.

119. Barra minn hekk, dan ir-rapport juri wkoll li l-Kummissjoni (Eurostat) setgħet u kellha tiġi infurmata minn STAT bosta xhur aktar kmieni dwar dawn il-fatti.

3.1. Konklużjonijiet rigward l-atturi ewlenin involuti fl-avvenimenti deskritti

120. L-atturi ewlenin involuti fl-avvenimenti deskritti f'dan ir-rapport huma l-Uffiċċju Statali u b'mod partikolari l-Unità tal-Baġit tiegħu, il-Gvern Statali, il-Landtag u l-LRH ta' Land Salzburg, l-RH, l-OeBFA, l-OeNB u STAT. Ir-rappreżentanti tal-entitajiet

kollha intervistati kienu ta' għajnuna u ta' kooperazzjoni sħiħa mat-tim tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, fejn ipprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha mitluba li kienet neċessarja għall-investigazzjoni.

121. L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, li għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fost oħrajn, l-Awditu Intern, l-Unità tal-Kontabilità u d-Dipartiment Finanzjarju (b'mod partikolari l-Unità tal-Baġit), għandu jiġi kkunsidrat bħala r-responsabbli prinċipali għall-fatt li kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji ġew irrapportati ħażin, mill-inqas mill-2008.

122. Minn naħa waħda, l-Awditu Intern tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg naqas milli jivverifika l-proċeduri tal-kontroll intern u l-ġestjoni tar-riskju tad-Dipartiment Finanzjarju. Min-naħa l-oħra, l-Unità tal-Kontabilità naqset milli tikkontrolla r-reġistri taż-żamma tal-kotba, kemm għall-kontijiet tal-baġit kif ukoll għall-kontijiet mhux baġitarji.

123. Is-sejbiet tar-rapport juru li d-Dipartiment Finanzjarju, u b'mod partikolari l-Unità tal-Baġit:

- Injoraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-RH[80], dwar l-investimenti riskjużi li kienu qed jitwettqu;
- Ma rrispettawx il-prinċipju tal-erba' għajnejn aħjar minn tnejn matul l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari dwar il-ftuħ ta' kontijiet bankarji u pożizzjonijiet finanzjarji oħrajn, kif ukoll fil-kuntest tal-ġestjoni finanzjarja tal-*Landeswohnbaufonds*;
- Iffalsifikaw il-firem fid-dħul tat-tranżazzjonijiet finanzjarji;
- Naqsu milli jsegwu l-prinċipji bażiċi tal-kontabilità;
- Iffalsifikaw il-minuti tal-laqgħat ta' *Finanzbeirat* mibgħuta lill-RH sabiex jagħtu impressjoni aħjar tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' Land Salzburg;
- Iffalsifikaw ir-rendikonti finanzjarji mibgħuta lill-RH fil-kuntest tal-awditi ta' dan tal-aħħar tal-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg;
- Kontijiet bankarji moħbija tal-inqas mill-2003;
- Ikkumpilaw b'mod żbaljat id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' Land Salzburg, b'mod partikolari billi urew, fl-2012, fil-*Finanzschulden*, ammont ta' obbligi ta' EUR 874 miljun, filwaqt li l-ammont attwali kien ta' EUR 3 507 miljuni;

[80] *Finanzierungsinstrumente der Gebietskörperschaften in den Ländern Burgenland und Salzburg; Follow-up-Überprüfung* , http://www.rechnungshof.gv.at/berichte/ansicht/detail/finanzierungsinstrumente-der-gebietskoerperschaften-in-den-laendern-burgenland-und-salzburg-follow-up-ueberpruefung-1.html

- B’mod żbaljat urew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mibgħuta lill-awtoritajiet tal-istatistika b'tali mod, li wasslu għall-ħabi ta’ EUR 1 192 miljun f'dejn fl-2012;

- Ipprovdew dikjarazzjonijiet foloz lil STAT, b'mod partikolari f’dak li jikkonċerna s-self permezz tal-ħruġ ta’ titoli. Barra minn hekk, insistew ma’ STAT li l-pożizzjonijiet finanzjarji bħal dawn ma għandhomx jiġu inklużi fid-dejn ta’ Land Salzburg;

- Immanipulaw il-kontijiet ta’ Land Salzburg għal bosta snin, fejn ħbew u/jew irrapportaw ħażin id-dħul, l-infiq, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-pożizzjonijiet finanzjarji u l-movimenti ta’ flus kontanti.

124. Ir-rwol ta’ *Landtag* ta’ Land Salzburg fl-avvenimenti deskritti kien jikkonsisti fl-adozzjoni tal-Artikolu IV tal-Liġi tal-Baġit tal-Istat tal-2006, li essenzjalment ta l-permess għall-ġestjoni finanzjarja ta’ Land Salzburg sabiex tidħol fi tranżazzjonijiet finanzjarji b’riskju għoli, fejn jista’ jkun mistenni vantaġġ ekonomiku għall-Istat. Barra minn hekk, il-*Landtag* ma deherx li segwa r-rakkomandazzjonijiet dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji b’riskju għoli li saru fl-2009 mill-RH, u lanqas ma ħeġġeġ lil-LRH biex twettaq verifiki fil-fond tal-kontijiet ta’ Land Salzburg.

125. Ir-rwol tal-Gvern tal-Istat, u b'mod aktar speċifiku dak tal-*Finanzreferenten*, kien jikkonsisti parzjalment fl-għoti ta’ prokuri lil tliet impjegati tad-Dipartiment Finanzjarju li involvew ruħhom f’investimenti ta’ riskju għoli mill-2002 ’il quddiem u parzjalment fl-eżenzjoni tal-attivitajiet tal-Unità tal-Baġit milli tiġi vverifikata mill-Awditu Intern, b'mod partikolari dawk relatati mal-kontabilità interna, kontijiet pubbliċi u l-proċeduri ta’ kontroll intern, u l-Unità tal-kontabilità ta’ Land Salzburg. Barra minn hekk, ingħataw s-setgħat lill-Kap tal-Unità tal-Baġit biex twettaq tranżazzjonijiet finanzjarji f’isem il-*Landeswohnbaufonds*, u dan fisser li kull meta dak il-fond daħal fi tranżazzjonijiet mal-Uffiċċju Statali, l-istess impjegat kien qed jaġixxi f’isem iż-żewġ entitajiet mingħajr ma jiġi mmonitorjat minn persuni jew entitajiet oħra. Dawk is-setgħat għandhom jiġu kkunsidrati bħala, possibbilment, l-aktar fattur importanti li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sitwazzjoni deskritta f’dan ir-rapport.

126. Barra minn hekk, minn Mejju sa Diċembru 2012, il-Gvern Statali u l-Uffiċċju Statali ta’ Land Salzburg ġew infurmati li kienu seħħew irregolaritajiet fil-ġestjoni finanzjarja, u kienu qegħdin jinvestigaw il-kwistjoni internament. Madankollu, dawk l-entitajiet ma infurmawx lill-RH, li f’dak il-ħin kienet qed tikkonkludi s-segwitu tagħha fuq ir-rapport tal-awditu għal Land Salzburg, jew lill-awtoritajiet ġudizzjarja jew tal-istatistika dwar dawk l-avvenimenti u s-sejbiet.

127. Barra minn hekk, matul dak il-perjodu, il-Gvern Statali ta’ Land Salzburg iddeċieda li jtemm mijiet ta’ investimenti finanzjarji bikrija, li preċedentement ma kinux ġew irreġistrati fil-kontijiet. Sabiex isiru t-terminazzjonijiet bikrin, ġie rreklutat eks ħaddiem tad-Deutsche Bank. Dik l-istess persuna kellha għal diversi snin tkun il-kontroparti tal-Unità tal-Baġit ta’ Land Salzburg fl-investimenti ta’ riskju kbir li ttieħdu mid-Deutsche Bank.

128. L-LRH naqset milli effettivament u effiċjentament tivverifika l-attivitajiet tad-Dipartiment Finanzjarju, u għalhekk il-kontijiet ta' Land Salzburg. Anki jekk ġie argumentat li, fiż-żmien, il-LRH ma kellhiex il-kapaċità meħtieġa biex twettaq l-analiżi fil-fond tal-kontijiet ta' Land Salzburg, kien ikun possibbli li jsiru xi kontrolli bażiċi sempliċi, b'mod partikolari kontroverifiki bejn l-informazzjoni dwar is-self mogħti mill-OeBFA u l-informazzjoni ppubblikata fil-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg. Barra minn hekk, ġie stabbilit fit-taqsima 2.2.3 li fir-rapporti ppubblikati mil-LRH fuq il-kontijiet ta' Land Salzburg, għas-snin 2008 u 2011, kien hemm xi stqarrijiet mhux korretti.

129. Wara l-31 ta' Awwissu 2012, l-RH naqset milli ssegwi effettivament id-diskrepanzi li nstabu fil-kontijiet ta' Land Salzburg kif ġie enfasizzat minn STAT dwar it-EUR 300 miljun f'titoli li ma kinux irrapportati fil-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg.

130. L-OeNB naqset milli tirrapporta derivattivi finanzjarji lill-Kummissjoni (Eurostat), fit-trażmissjoni tal-kontijiet finanzjarji Awstrijaċi[81]. Barra minn hekk, il-prattiki ta' konsolidazzjoni tagħha dwar il-kontijiet finanzjarji kienu ineffettivi[82].

131. Ir-rwol ta' STAT fl-avvenimenti deskritti jikkonċernaw kemm ir-responsabbiltajiet tagħha bħala l-awtorità tal-istatistika Awstrijaka prinċipali kif ukoll l-obbligi tar-rapportar tiegħha lill-Kummissjoni (Eurostat). L-ewwelnett, għallinqas mill-2010, STAT irrikonoxxiet l-eżistenza ta' diskrepanzi fil-kontijiet ta' Land Salzburg, jiġifieri li jikkonċeraw il-paragun tal-karti tal-bilanċ ta' Land Salzburg ma' informazzjoni ta' self mill-OeBFA u ma' informazzjoni dwar it-titoli mid-database titolu b'titolu pprovduta mill-OeNB. Anki jekk STAT implimentat b'mod korrett, fil-kuntest tan-notifiki tal-EDP, il-bidliet meħtieġa għad-dejta pprovduta mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, hija l-opinjoni tal-Kummissjoni li, skont il-prinċipju ta' diliġenza dovuta, entitajiet Awstrijaċi rilevanti oħra, b'mod partikolari l-BMF u l-RH, kien imisshom ġew infurmati.

132. It-tieni nett, u aktar importanti minn hekk, anki jekk STAT kienet infurmata b'mod sħiħ, mill-inqas sa mit-22 ta' Jannar 2013, li kienu seħħew rapportar ħażin u manipulazzjoni fil-kontijiet ta' Land Salzburg, hija naqset milli tgħarraf minnufih lill-Kummissjoni (Eurostat) b'dawn il-fatti. Bħala riżultat, Eurostat approva mingħajr ebda riserva ċ-ċifri li jkopru s-snin 2009 sa 2012 pprovduti fil-kuntest tan-notifika tal-EDP ta' April 2013, għalkemm kienu fil-fatt żbaljati.

[81] Fl-osservazzjonijiet tal-Awstrija tal-25 ta' Jannar 2017 dwar is-sejbiet preliminari tal-investigazzjoni, l-OeNB tiddikjara li hija ma għandha ebda obbligu legali li tirrapporta dejta lill-Eurostat, jew taħt leġislazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali. Madankollu, ir-rapportar tat-Tabella 27 tal-ESA Awstrijaka lill-Eurostat kien *de facto* sar mill-OeNB sa Settembru 2014. Barra minn hekk, il-mistoqsijiet kollha fil-kuntest tal-verifika tat- Tabella 27 tal-ESA magħmula mill-Eurostat ġew imwieġba mill-OeNB, li turi li l-OeNB kellha responsabbiltà effettiva u operazzjonali għal dik it-tabella.

[82] Ara taqsima 2.3.4.

4. KONKLUŻJONIJIET

133. Fuq il-bażi tal-fatti kollha u r-raġunamenti deskritti f'dan ir-rapport, jista' jiġi konkluż li l-LRH u l-Uffiċċju tal-Istat u l-Gvern tal-Istat ta' Land Salzburg, jiġifieri entitajiet fis-settur tal-gvern ġenerali tar-Repubblika tal-Awstrija, kienu negliġenti serjament f'li ma jiżgurawx kontrolli tal-kumpilazzjoni u proċeduri tar-rapportar xierqa. B'hekk dawk l-entitajiet iffaċilitaw il-fatt li l-Unità tal-Baġit tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg setgħet tinterpreta ħażin u taħbi t-tranżazzjonijiet finanzjarji, u dan iwassal għal rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta attwali fin-notifiki tal-EDP tal-2012 u l-2013 tad-dejn tad-dejta Awstrija dwar l-2008-2012[83] lill-Eurostat , jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 1173/2011.

134. Għalkemm il-konklużjonijiet rigward l-atturi ewlenin fit-taqsima 3.1. hawn fuq jindikaw li l-Unità tal-Baġit tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg kellhom intenzjoni ċara li jaħbu u jiffalsifikaw informazzjoni, il-Kummissjoni ma ssibx li dawk l-azzjonijiet saru bl-intenzjoni speċifika li jiġu mmanipulati d-defiċit u l-indikaturi tad-dejn tal-EDP ippreżentati lill-Kummissjoni (Eurostat). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-imġiba tal-Unità tal-Baġit tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg tammonta għal negliġenza serja.

135. Fl-aħħarnett, ir-rapport jikkonkludi li filwaqt li l-Kummissjoni (Eurostat) ġiet infurmata biss fuq dan il-każ fl-10 ta' Ottubru 2013, l-awtoritajiet tal-istatistika Awstrijaċi kienu konxji tal-possibilità ta' rappreżentazzjoni ħażina tal-kontijiet ta' Land Salzburg minn, tal-inqas, is-6 ta' Diċembru 2012. Barra minn hekk, ir-rapport jikkonkludi li kemm Statistics Austria kif ukoll il-Bank Ċentrali Awstrijak kienu konxji ta' inkonsistenzi[84] mdaqqsa fid-dejta rrapportata minn Land Salzburg, qabel 'l hekk imsejjaħ "skandlu finanzjarju" sar pubbliku fl-aħħar tal-2012.

136. B'konsegwenza ta' dan, id-dejta mibgħuta mill-Awstrija lill-Eurostat fil-kuntest tal-eżerċizzji tan-notifika tal-EDP tal-2013 ma kinitx sħiħa, minħabba li ammonti sinifikanti ta' obbligazzjonijiet ma ġewx irrapportati, u dan wassal għar-reviżjoni tad-dejn irrapportat tal-gvern ta' Maastricht b'EUR 1 192 miljun fl-eżerċizzju tan-notifika tal-EDP f'April 2014, għas-sena 2012, li jfisser 0.4% tal-PDG.

137. Abbażi tas-sejbiet f'dan ir-rapport u dwar l-imġiba tal-awtoritajiet tal-Istat Membru fil-perjodu mit-13 ta' Diċembru 2011 sat-tnedija tal-investigazzjoni fit-3 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni iddeċidiet li tadotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill li tiġi imposta multa fuq ir-Repubblika tal-Awstrija, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1173/2011.

---

[83] Jiġifieri n-numru aggregat ta' snin irrapportati għar-rapportar fl-2012 (għas-snin 2008-2011) u fl-2013 (għas-snin 2009-2012), skont il-formula li d-dejta pprovduta fis-sena n tikkonċerna s-snin n-1, n-2, n -3 un-4.

[84] L-awtoritajiet tal-istatistika, skont l-għarfien tal-Kummissjoni, qatt ma analizzaw jekk dawn l-inkonsistenzi kinux ibbażati fuq kwistjonijiet purament kunċettwali. Fil-fatt, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-ammont materjali ta' tali inkonsistenzi fil-fatt ma kienx relatat ma' dawn id-differenzi fil-kunċetti bejn id-dejn ta' Maastricht u definizzjonijiet ta' dejn nazzjonali.

NOTI TAL-AĦĦAR

[a] Għall-vidjow ta' din il-konferenza ara: http://www.salzburg.com/nachrichten/salzburg/politik/sn/artikel/finanzskandal-in-salzburg-340-mill-verlust-durch-spekulationen-38965/

[b] Fil-laqgħa li saret bejn il-Kummissjoni u STAT fis-26 ta' Settembru 2016,

Il-Kummissjoni: "*F' April 2014 inti nnotifikajt żieda fid-dejn ta' madwar Euro 1.2 biljun, li jfisser li STAT kienet stmat id-dejn ta' Land Salzburg għal madwar Euro 2.3 biljun. Madankollu, Land Salzburg kien irrapporta fil-karta tal-bilanċ tiegħu madwar Euro 1.4 biljun ta' dejn biss. Kif tista' STAT tevalwa dan mingħajr ma tkun taf iċ-ċifri?*"

STAT: "*Kellna l-informazzjoni dwar il-Rechtsträgerfinanzierung mill- OeBFA u aħna nafu li l-Wohnbaufonds rċeviet parti mill-ammonti pprovduti permezz tar-Rechtsträgerfinanzierung. Użajna l-informazzjoni pprovduta mill-OeBFA u mhux l-informazzjoni pprovduta direttament minn Land Salzburg*."

Il-Kummissjoni: "*Dawn iċ-ċifri jinkludu biss id-dejn ta' Land Salzburg bħala unità istituzzjonali jew huma inkludew ukoll id-dejn ta' unitajiet oħrajn li jiffurmaw l- "Istat Salzburg" fil-Kontijiet Nazzjonali?*"

STAT: "*L-Euro 2.3 biljun inkluda wkoll id-dejn tal-Wohnbaufonds*."

Il-Kummissjoni: "*Fejn hi kklassifikata l-Wohnbaufonds fil-kontijiet nazzjonali? Is-self ipprovdut mill-OeBFA u mgħoddi mill-Uffiċċju Statali (bażit ċentrali) lill-Wohnbaufonds (unità ekstra-bażitarja) kif inhu kkunsidrat fil-kontijiet nazzjonali*"

STAT: "*Il-Wohnbaufonds hija kklassifikata fis-settur tal-gvern u l-ammonti pprovduti permezz tar-Rechtsträgerfinanzierung huma allokati direttament lill-Wohnbaufonds*."

STAT: "*Id-dejta pprovduta mill-unitajiet ta' rapportar hija vverifikata kontra d-dejta li ġejja mill-OeBFA u fil-każ li din id-dejta ma taqbilx aħna naġġustawha sabiex tirrifletti n-naħa tal-OeBFA*."

Il-Kummissjoni: *"U għas-snin in kwistjoni, l-2002-2012, STAT qatt ma nnutat diskrepanzi relevanti bejn id-dejta rrapportata mill-OeBFA u d-dejta rrapportata minn Land Salzburg."*

STAT: *"Iva, dejjem."*

[c] Dwar il-laqgħa li saret bejn il-Kummissjoni u STAT fis-26 ta' Settembru 2016, meta mistoqsija x'inhuma s-setgħat ta' STAT fir-rigward tal-eżatezza u l-kompletezza tad-dejta rrappurtata mill-entitajiet, STAT wieġbet li: " *Hemm l-obbligu legali li tiġi pprovduta d-dejta mitluba u STAT qiegħda tiġbor id-dejta tal-kontijiet nazzjonali, abbażi ta' din id-dejta. Id-data ta' għeluq sa meta għandha tintbagħat id-dejta lil STAT hija l-aħħar ta' Mejju u sa nofs Lulju huwa possibbli li jiġu ċċarati kwistjonijiet pendenti mal-forniturі tad-dejta jew li jiġu aġġornati t-trasmissjonijiet tad-dejta.Jekk hemm xi dubji li jikkonċernaw id-dejta trasmessa, huwa possibbli li ssir verifika mal-entitajiet u li tintuża dejta tas-snin ta' qabel.Sas-16 ta' Settembru, l-unitajiet tar-rapportar jistgħu jipprovdu aġġornamenti tad-dejta u spjegazzjonijiet addizzjonali.STAT għandha wkoll il-possibilità li tbiddel id-dejta, għalkemm m'għandhiex is-setgħa li timponi bidliet fid-dejta lill-entitajiet.(...) Il-Gebarungsstatistik (jiġifieri l-istatistika tal-finanzi pubbliċi) hija kontribuzzjoni għall-kumpilazzjoni ta' dejta ta' kontijiet nazzjonali.Il-gvernijiet statali jistgħu jikkompilaw dejta abbażi ta' regoli/proċeduri tagħhom iżda dan ma jkollux impatt fuq il-kontijiet nazzjonali peress li dawn tal-aħħar huma miġbura abbażi tal-ESA u huma taħt ir-responsabbilità ta' STAT. Il-Länder jistgħu jesprimu d-dubji tagħhom fuq ċerti riżultati ta' kumpilazzjonijiet li huma riflessi wkoll fid-diskussjonijiet tal-patt nazzjonali ta' stabbilità, iżda dan ma jaffettwax il-kumpilazzjoni magħmula minn STAT."*

[d] Matul il-laqgħat mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, il-Kummissjoni staqsiet dwar jekk kienx possibbli li n-nuqqas tar-rapportar beda saħansitra aktar kmieni mill-2010. L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb: "*Aħna m'għandniex din l-informazzjoni peress li m'aħniex fil-pożizzjoni li nipproċessaw mill-ġdid id-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet preċedenti. Il-Qorti Federali tal-Awdituri talbitna nikkoreġu d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet preċedenti. Madankollu, minn perspettiva prattika dan mhux possibbli (...)" u għalhekk, "(...) ma nistgħux neskludi li għas-snin qabel l-2010, l-obbligazzjonijiet ma kinux irrapportati."*

Barra minn hekk, meta mistoqsi minn meta ġew stabbiliti l-kontijiet bankarji ta' Land Salzburg, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb: *"Mill-2003."*

Fl-aħħarnett, meta mistoqsi jekk l-RH sabitx indikazzjoni ta' dawn il-kontijiet bankarji moħbija, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb li: *"Billi [l-Kap tal-Unità tal-Baġit] probabbli li pprovda l-informazzjoni kollha mitluba dwar is-snin 2007 u 2008 għall-awditu li tlesta [mill-RH] fl-2009, dan ma kienx il-każ għall-awditu ta' segwitu fl-2011. Għal dan l-awditu tal-aħħar [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ma pprovdiex l-informazzjoni kollha li kienet mitluba. Għalhekk, jista' jiġi konklużli ma kienx hemm kontabbilità moħbija qabel l-2007."*

[e] Waqt il-laqgħa mal-LRH, meta mitlub biex jikkummenta fuq l-inklużjoni ta' tali dispożizzjoni legali fil-Liġi tal-Baġit tal-Istat, il-Kap tal-LRH argumenta li: *"Għall-gvern statali ta' Salzburg, il-parti spekulattiva tal-portafoll issa hija magħluqa. [Il-Kap tal-Unità tal-Baġit] kien responsabbli (...) għall-inklużjoni tal-Artikolu IV fil-Liġi tal-Baġit tal-Istat 2006. [Il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ried dan u dak iż-żmien il-Landtag għamlet dak kollu li l-[Kap tal-Unità tal-Baġit] ried jagħmel. L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg qabel ukoll ma' dan. Minħabba din il-bidla kien possibbli li jintużaw l-assi finanzjarji ta' Landeswohnbaufonds għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet derivattivi. [Il-Finanzreferent ta' dak iż-żmien] ħolqot il-Versorgungs- und Unterstützungsfonds (VuF), primarjament għal finijiet ta' taxxa. Kien possibbli li jingabru flus f'dan il-fond u li jiġi ġġenerat dħul mingħajr il-ħlas ta' taxxa għal dan id-dħul. Madankollu, tali tranżazzjonijiet kienu de facto diġà bdew fl-2002."*

[f] Meta mistoqsi biex jikkummenta fuq l-estenzjoni tas-setgħa konċessa lill-Kap tal-Unità matul is-sena, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iddikjara li: *"[Il-Kap tal-Unità tal-Baġit] kellha reputazzjoni għolja fl-Awstrija. [Il-Kap tal-Unità tal-Baġit] kienet membru tal-kumitat tal-VR u kienet apprezzata ħafna. Għalhekk, qatt ma qamet il-mistoqsija għaliex kienet irċievet tant setgħa kbira."*

[g] Meta mistoqsi dwar id-deċiżjoni biex l-Unità tal-Baġit ma titħalliex tirrapporta lill-Unità tal-Kontabiltà, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iddikjara li: *"Fl-2003 u l-2004 kien hemm xi diffikultajiet bejn l-unitajiet 8/02 u 8/04 dwar id-dettalji meħtieġa biex jiġu pprovduti mill-unità 8/02 li kienu neċessarji għat-twettiq ta' kontabbiltà xierqa fl-unità 8/04. L-isfond ta' dawn id-diffikultajiet kien l-istabbiliment ta' fond extra-baġitarju ġdid, hekk imsejjaħ "VuF" (fond ta' provvediment għal pensjoni) fl-2003. L-Unità 8/04 talbet informazzjoni speċifika fuq dan il-fond ġdid biex jiġu rreġistrati b'mod korrett it-tranżazzjonijiet relatati fis-sistema tal-kontabbiltà. Imbagħad, il-Finanzreferent ħa deċiżjoni li r-responsabbiltà għal dan il-fond se tkun kompletament f'idejn l-unità 8/02 u l-unità 8/04 ma għandhiex tinterferixxi mal-VuF u ma għandha titlob ebda informazzjoni dwar dan. Il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kontabbiltà tagħhom għandhom jitwettqu mill-unità 8/02 jew kif istruwit mill-unità 8/02. Hemm memo intern (Aktenvermerk) datat mill-14 ta' Frar 2008 li jiddikjara li l-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn ma kienx qiegħed jiġi rrispettat f'din iċ-ċirkostanza. F'dan il-memo ġie ċċarat li l-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn kellu jiġi rrispettat fil-futur u li l-unità 8/04 - li qabel kienet id-dipartiment 14 - hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-ħlas. Madankollu, l-infiq intern u d-dħul, jiġifieri l-pagamenti bejn il-baġit ċentrali u l-fond (Inenumsätze) kienu għadhom eżentati mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn. Dan il-memo kkoreġa l-memo preċidenti datat mit-2 ta' Frar 2004. Fl-2002, l-unità tal-kontabbiltà tal-Land Salzburg kien dipartiment indipendenti. Matul ristrutturar organizzazzjonali, id-dipartiment 14 kien allokat għad-dipartiment 8 u rċieva l-istatus tal-unità (8/04) fi ħdan id-dipartiment 8. Fil-fatt, is-sett ta' kontijiet tal-VuF ma kinux qed jiġu rreġistrati jew immonitorjati mill-unità tal-kontabbiltà bejn is-snin 2004 u l-2008."*

[h] L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iddikjara, fil-laqgħa mal-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2016 li: *"Is-suċċess tal-VuF kien ferm mixtieq.Ir-riżultati ta' dan il-fond għamluha possibbli li jiġi ttrasferit ammont konsiderevoli għall-baġit kull sena."*

[i] L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iddikjara waqt il-laqgħa mal-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2016 li, "*Il-memo imsemmi fuq, li jmur lura għall-2004, kien meħtieġ peress li l-operazzjonijiet kienu laħqu ċertu dinamika, ta' tranżazzjonijiet fuq żmien qasir u tranżazzjonijiet mgħaġġla. Għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet kien meħtieġ li jsiru deċiżjonijiet ta' malajr li għamluha neċessarja li tittieħed tali deċiżjoni (il-memo tal-2004)."*

[j] Meta waqt il-laqgħa mal-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2016 l-eks Direttur tad-Dipartiment tal-Kontabbiltà tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg (u l-Kap tal-LRH għas-snin 2007-2012) kien mistoqsi dwar it-tħassib ġenerali tiegħu dwar l-operazzjonijiet swap huwa wieġeb li,*" l-ewwel operazzjonijiet swap probabbilment twettqu fl-2003. L-unità 8/04 riedet tirrikostitwixxi l-flussi tal-flus relatati. Dan kien, madankollu, impossibbli minħabba l-kumplessità ta' dawn it-tranżazzjonijiet u minħabba n-nuqqas ta' kwalifiki tal-persunal li ħadem fl-unità 8/04 - kien diffiċli ħafna li dawn l-attivitajiet jiġu ċċekkjati u dan kien se jieħu ħafna ħin. L-unità 8/02*

ilmentat mal-ġerarkija li l-proċessi tan-negozju se jkunu mblukkati minħabba l-mistoqsijiet magħmula mill-unità 8/04. Kien hemm laqgħat imqanqla mal-Finanzreferent u mad-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju. Il-Finanzreferent - (...) - għalhekk iddeċidiet li s-suċċess tal-VuF kien prijorità u għalhekk ġie kkunsidrat vitali li l-unità 8/02 tista' taħdem b'mod effiċjenti. Għalhekk ġie deċiż li l-unità 8/04 ma għandhiex timblokka l-attivitajiet tal-unità 8/02 bil-mistoqsijiet. Dan u d-diviżjoni l-ġdida tal-kompiti bejn l-unità 8/02 u l-unità 8/04 iddaħħlu bil-miktub fil-memo li ssemma' fuq datat it-2 ta' Frar 2004."

L-eks Direttur tad-Dipartiment tal-Kontabbiltà iddikjara wkoll li: *"Għalkemm ippruvat tirreżisti għal sitwazzjoni bħal din, l-unità 8/04 ġiet sfurzata taċċetta li entità tal-kontabbiltà separata, jiġifieri l-VuF, eżistiet, li kienet eskluża mill-kompiti ta' monitoraġġ tal-unità 8/04. F'din l-entità ta' kontabbiltà separata, twettqu operazzjonijiet ta' investiment u mistoqsijiet fuq dawn l-operazzjonijiet kienu meqjusa bħala mhux xierqa. Kien ikkunsidrat li l-ispjegazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet mill-unità 8/02 kienet tieħu wisq ħin. Niftem li kien hemm numru ta' tranżazzjonijiet li ġew ikkunsidrati bħala transazzjonjiet interni. L-unità 8/02 wettqet ukoll operazzjonijiet ta' investiment. Minkejja dan, meta fl-2004 ittieħdet id-deċiżjoni li l-unità 8/04 m'għandhiex teżamina dawn l-operazzjonijiet, kellna nieqfu nitolbu għal aktar informazzjoni fuqhom."*

[k] Skont l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, l-attivitajiet essenzjali taż-żamma tal-kontijiet kienu mmexxija b'mod effettiv mill-Kap tal-Unità tal-Baġit u l-persunal tal-unità tal-kontabbiltà dejjem wettaq l-ordnijiet tagħha, anki jekk hi ma kinitx formalment il-kap tal-Unità tal-Kontabbiltà. Barra minn hekk, ġie spjegat li l-Kap tal-Unità tal-Baġit kienet ukoll kapaċi taħdem hi stess fis-sistema taż-żamma tal-kontijiet.

[l] Meta mistoqsi jekk kienx hemm xi direttiva interna li teskludi lill-Unità tal-Baġit milli tiġi awditjata mill-Awditjar Intern, l-Uffiċċju Statali wieġeb li, " (...) *Skont l-għarfien [tagħha], ma kien hemm l-ebda direttiva speċifika li tiddikjara li l-unità 8/02 ma kellhiex għalfejn tiġi awditjata.* Fil-fatt, "*l-Awditjar Intern" ma kellux il-kompitu li jawditja l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg kollu mill-1999 'il quddiem."*

[m] Silta tad-dikjarazzjoni introduttorja tal-Kap tal-LRH waqt il-laqgħa mal-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2016.

"Bl-implimentazzjoni tal-"Landesrechnungshofgesetz", l-LRH ġie organizzat bħala awditu indipendenti u suprem sa mill-1993. L-LRH isegwi r-regoli tal-Liġi għalkemm il-Landtag tirriserva wkoll id-dritt li titlob għal awditi speċifiċi. Kif ukoll, istituzzjonijiet tal-gvern lokali jistgħu jagħtu suġġerimenti lil LRH dwar kwistjonijiet speċifiċi għall-monitoraġġ. Is-suġġetti tal-awditu li jista' jitwettaq mil-LRH huma definiti fil-Kapitolu 6 tal-"Landesrechnungshofgesetz". Fost oħrajn, l-oqsma prinċipali li ġejjin għall-awditi huma: il-ġestjoni finanzjarja u l-konformità ("Gebarung") tal-gvern statali ta' Salzburg u l-fondi tiegħu, fondazzjonijiet, korporazzjonijiet u entitajiet oħrajn; ir-riċevituri ta' sponsorizzazzjoni pubblika u l-ġestjoni finanzjarja u l-konformità tal-gvernijiet lokali b'inqas minn 10 000 abitant. Ir-responsabbiltà tal-gvernijiet lokali b'10 000 abitant u aktar hija mar-RH. Fir-rigward tal-"Gebarung", l-awditu tal-LRH qed jiffoka fuq jekk il-konformità mal-liġi hijiex żgurata u fuq jekk iċ-ċifri humiex ikkalkulati tajjeb u/jew fuq l-effiċjenza u l-effikaċja ekonomika tagħha. Għal entitajiet li fihom il-gvern statali ta' Salzburg għandu aktar minn 25 fil-mija tal-ekwità, awditu huwa possibbli. Kif ukoll, kull istituzzjoni jew individwu li jirċievi sponsorizzazzjoni pubblika huwa mira potenzjali għall-monitoraġġ. Madankollu, l-LRH huwa liberu fid-deċiżjoni tiegħu fuq jekk l-entità għandiex tiġi awditjata jew le. L-LRH isemmi, fir-rapporti tiegħu, is-sejbiet ewlenin, is-suġġerimenti tiegħu u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Tista' ssir ukoll reviżjoni ulterjuri fuq jekk is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ġewx implimentati mill-unità rispettiva. M'hemm l-ebda possibilità li l-implimentazzjoni tas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tiġi infurzata. Is-setgħa tal-LRH taqa' fil-pubbliċità tar-rapporti tiegħu. L-LRH huwa indipendenti u m'hemm l-ebda monitoraġġ reċiproku bejn l-RH u l-LRH (ara wkoll l-Artikolu 127 (1) tal-Liġi Kostituzzjonali tal-Awstrija li stabbilixxiet li l-LRH mhuwiex subordinat għar-RH). Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-gvern statali ta' Salzburg ma kinux soġġetti għal kompetenza ta' awditu ċara sal-1 ta' April 2012. Dan ifisser li l-LRH ma kienx obbligat li jawditja iżda seta' jiddeċiedi li jwettaq awditi taħt ċirkustanzi speċifiċi. Bejn l-2005 u l-2008 kien hemm inizjattiva biex jitwettqu awditi volontarji minħabba li ma kienx hemm regoli ċari għal proċedura bħal din. Fl-2009, l-LRH bdiet bl-ewwel awditu fuq inizjattiva personali fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-gvern statali ta' Salzburg għas-sena ta' rapportar tal-2008. Madankollu, ma kienx hemm proċedura ta' awditu ċar u [kien hemm] nuqqas ta' regolamenti legali għal dan [it-tip ta'] awditu, u barra minn hekk, l-għarfien disponibbli għat-twettiq tal-awditu ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji kien limitat. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2009 u l-2010 ġew awditjati fi ħdan l-istess qafas limitat. Id-dipartiment finanzjarju nnifsu ma kien qatt soġġett għal awditu ddettaljat mil-LRH fil-perjodu ta' bejn l-2002 u l-2012. Dan kien ukoll riżultat tal-

koordinazzjoni bejn l-RH u l-LRH. Ir-RH għandha d-dritt tawditja lill-gvern statali ta' Salzburg u għandha wkoll id-dritt li tirċievi u tawditja d-dikjarazzjonijiet finanzjarji (ara l-artikolu 18 u 20 tal-"Landesrechnungsgesetz" datati mill-1930 u emendati l-aħħar fit-30 ta' Awwissu 2010). Matul dawn is-snin kollha, [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] kienet qed, fis-sustanza, tinnegozja u tagħmel il-kontabbiltà u ħadd ma kien verament qiegħed jiċċekkja x'kienet qiegħda tagħmel. Fl-2010, l-LRH żviluppat proċedura tal-awditjar u bdew diskussjonijiet mal-Parlament sabiex tiġi pprovduta bażi legali għall-awditu obbligatorju. Ir-Rechnungsabschluss tal-2011 kien l-ewwel awditu obbligatorju mil-LRH fuq il-kontijiet ta' Land Salzburg. Kien hemm koordinazzjoni bejn l-RH u l-LRH. Bażikament, hekk kif l-LRH saret taf li r-RH kienet qiegħda tagħmel l-awditi ta' Land Salzburg, ma għamlithomx hi."

[n] Meta mistoqsi x'ġie awditjat mil-LRH f'dak iż-żmien tal-avvenimenti in kwistjoni, l-eks Kap tal-LRH spjega li: *"L-LRH kellha biss numru limitat ta' persunal u riżorsi. Għall-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2011, l-"Rechnungsabschluss" ġiet annalizzata mil-LRH.Id-dejta tiġi trażmessa lil-LRH fl-aħħar ta' Marzu jew fil-bidu ta' April.L-LRH kellha l-obbligu li tipprovdi rapport lill-Parlament fi żmien 4 ġimgħat.Kellna żewġ awdituri li vverifikaw id-dejta u wara dan kellna nistennew għall-kummenti tad-dipartiment finanzjarju.Dawn iż-żewġ awdituri għandhom biss erba' jew ħames ġimgħat biex iwettqu l-kontrolli tagħhom.Dan ifisser li aħna nistgħu nwettqu biss kontrolli fuq bażi każwali; kontrolli biss bejn is-snin u li rridu nikkonċentraw fuq waqfiet strutturali.Il-Parlament kien jaf li l-analiżi li saret mil-LRH ma kinitx komparabbli max-xogħol mid-ditti tal-kontabbiltà u li din l-analiżi mhijiex ekwivalenti għal ċertifikat. Ir-Regolament tal-LRH jippermetti biss it-twettiq ta' awditi u għalhekk kellna nsemmgħu dawn l-analiżijiet ekonomiċi bħala "awditi".Ma konniex f'pożizzjoni li nanalizzaw il-portafoll kollu tal-gvern statali ta' Salzburg.Dan kien ukoll parti mill-ftehim mal-R. b'konnessjoni mal-koordinazzjoni ta' proġetti tal-awditjar."*

[o] Il-Kap attwali tal-LRH spjega li: *"Il-punt hu li l-LRH kellha nuqqas ta' għarfien dwar kif għandha tawditja tali tranżazzjonijiet f'dak iż-żmien."*

[p] Waqt il-laqgħa mal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, il-Kummissjoni staqsiet lill-eks Kap tal-LRH dwar jekk il-konklużjoni li rriżultat fir-rapporti tal-LRH għas-snin 2008 sal-2011, "*It-testijiet imwettqa mil-LRH żvelaw li r-rekords tal-kontabbiltà u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji saru debitament u kienu sħaħ. Il-bilanċ ta' flus kontanti huwa korrett u mixhud mid-dikjarazzjonijiet tal-bank*" fisser li kontroverifika tad-dikjarazzjonijiet tal-bank saru *de facto*, filwaqt li huwa enfasizzat li l-linji tal-għeluq huma komunement miżjuda biss meta awditu intern jew estern ikun sar. Għal din il-mistoqsija, l-eks Kap tal-LRH iddikjara li: *"Aħna ma għamilniex din il-kontroverifika."*

[q] Waqt il-laqgħa mal-Uffiċċju Statali, l-eks Kap tal-LRH ġie wkoll mistoqsi mistoqsijiet mill-Kummissjoni dwar il-kapaċità preċedenti tiegħu bħala Direttur tad-Dipartiment tal-Kontabbiltà tal-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg. B'mod aktar konkret, il-Kummissjoni staqsiet, għaliex - minħabba l-esperjenza tiegħu fil-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg u t-tħassib ġenerali tiegħu - iddeċieda li jagħmel analiżi ekonomika aktar milli awditu fil-kuntest tal-awditi tal-LRH ta' bejn is-snin 2008-2011 tal-ġestjoni finanzjarja ta' Land Salzburg. L-eks Kap tal-LRH spjega li: *(...) f'kooperazzjoni mal-President tas-Salzburg Landtag, ġie deċiż li għandha tiġi evitata d-diskussjoni fuq dettalji inqas importanti u li għandna nipprovdu analiżijiet li juru żviluppi maġġuri madwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji."*

[r] Mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar min kienet il-persuna responsabbli għall-kwistjonijiet finanzjarji tal-Landeswohnbaufonds, jiġifieri l-persuna li effettivament għamlet it-tranżazzjonijiet u l-kontabbiltà f'isem il-Landeswohnbaufond, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb: *"[il-Kap tal-Unità tal-Baġit]"*

[s] Mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kif kien possibbli, fil-prattika, li jikkonforma mal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn f'unità bi tliet impjegati biss, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb li: *"(...) id-Direttur tad-Dipartiment 8* [Dipartiment Finanzjarju] *kien awtorizzat hu wkoll biex jiffirma" u li "ovvjament il-prinċipju tal-erba' għajnejn aħjar minn tnejn ma setax jiġi ggarantit. Barra minn hekk, ħafna drabi, il-firem kienu foloz"*

[t] Mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk kontijiet moħbija ġewx diġà stabbiliti fis-snin 2002 u 2003, ir-rappreżentant mill-RH wieġeb: *"L-ebda informazzjoni fuq kontijiet bankarji moħbija ma kienet magħrufa fiż-żewġ awditi tal-"Istrumenti ta' Finanzjament Reġjonali" fis-snin 2009 u 2012. Kien biss waqt l-awditu, li wassal għar-rapport ta' Ottubru 2013, li l-kontijiet bankarji ġew miflija."*

L-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg issupplimenta d-dikjarazzjoni mill-RH, filwaqt li spjega li: *"Kollox intwera fil-"Voranschlagsunwirksamen Gebarung" u l-RH assumiet li t-tranżazzjonijiet swap u derivattivi kienu relatati ma' tranżazzjonijiet sottostanti. Barra minn hekk, [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ippreżentat minuti ffalsifikati lill-RH."*

[u] Mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-kompiti tal-*Finanzbeirat*, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li: *"Il-Finanzbeirat kellu l-kompitu li jirrapporta lill-persuna fil-gvern statali responsabbli għall-affarijiet barranin (jiġifieri l-Finanzreferent)."* U barra minn hekk li: *"Il-linji gwida ġew iffirmati mill-"Finanzreferent" fil-bidu tas-sena 2006. Wara dan, [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ħejjiet ir-rapporti għall-Finanzbeirat. Madankollu, ir-rapporti pprovduti mill-[Kap tal-Unità tal-Baġit] ma kinux jinkludu t-tranżazzjonijiet kollha; dan ir-rapportar ħażin lill-Finanzbeirat beda madwar is-snin 2005/06."*

Barra minn hekk, meta mistoqsi biex jikkummenta kif seta' jkun possibbli li l-awditu mwettaq mill-RH fl-2011/2012 ma sabx diskrepanzi fid-dikjarazzjonijet finanzjarji, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li: *"L-indikaturi li ntbagħtu lill-RH mill-[Kap tal-Unità tal-Baġit] kienu kollha ħżiena."*

[v] Meta mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni minn meta twaqqfu l-kontijiet bankarji mhux irrapportati, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb *"mill-2003."*

[w] Meta mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni minn xhiex jikkonsisti l-"Voranschlagsunwirksame Gebarung" u għaliex dik il- parti tal-"Gebarung" ma ġietx ikkontrollata, l-LRH spjegat: *F'din il-parti tal-baġit, normalment, jiġu rreġistrati l-affarijiet ta' transizzjoni. Ħadd ma ssuspetta li anki l-bilanċi kienu rreġistrati f'din il-parti. Issa, l-"Voranschlagsunwirksame Gebarung" huwa rivedut b'mod intensiv."*

[x] Meta mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni x'kien irreġistrat fil-kontiiet bankarji moħbija, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li: *"(...) Il-kontijiet tal-ikklerjar kienu f'ċerti każijiet intużaw għas-saldu ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, li fihom kemm ħruġ ta' flus kif ukoll dħul ta' flus (...). Għal dawn il-kontijiet bankarji l-ebda informazzjoni fuq id-dejn ma kienet disponibbli. Din l-informazzjoni ġiet iġġenerata bl-appoġġ tal-banek involuti. Aħna bgħattna ittri lill-banek biex jikkjarifikaw il-kontijiet. Mit-tweġibiet ta' dawn l-ittri stajna niġġeneraw l-istokk tad-dejn. (...)."*

[y] Meta mistoqsi waqt l-investigazzjoni tal-Kummissjoni għaliex il-movimenti konsiderevoli fil-"Voranschlagsunwirksamen Gebarung" qatt ma ġew immonitorjati, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li: *"L-ippuljar tal-kompiti u d-disponibbiltà tal-persunal biex jivverifika din l-informazzjoni kollha rriżultat [f'sitwazzjoni ta'] impermeabilità".*

Il-Kap preċedenti tal-Unità tal-Kontabbiltà u tal-LRH spjega li: *L-unità tal-Kontabbiltà u l-Qorti Reġjonali tal-Awdituri, imbagħad immexxija minni nnifsi, tabilħaqq qajmet mistoqsijiet fuq l-ammonti kbar irreġistrati fil-"Voranschlagsunwirksamen Gebarung". Madankollu,* [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] *spjegat li l-ammonti kienu relatati mas-swaps tar-rati tal-imgħax li ġew konklużi. Pereżempju, jekk ikkonkludew swap tar-rata tal-imgħax għal ammont ta' Euro 10 mn (fiss għal varjabbli) l-ammonti ppreżentati lill-"Voranschlagsunwirksamen Gebarung" se jammontaw għal Euro 20 mn (10mn għall-fiss u 10mn għall-varjabbli) mingħajr kwalunkwe impatt fuq id-dħul u l-ħruġ (flussi tal-flus)."*

[z] Mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni jekk l-RH ma sabet l-ebda indikazzjoni tal-eżistenza ta' kontijiet bankarji moħbija, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg wieġeb li *"Billi [l-Kap tal-Unità tal-Baġit] probabbli li kienet ipprovdiet l-informazzjoni kollha mitluba li jikkonċernaw is-snin 2007 u 2008 għall-awditi mwettqa [mill-RH] fl-2009, dan ma kienx il-każ għall-awditu ta' segwitu fl-2011. Għal dan l-awditu tal-aħħar [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ma pprovdiex l-informazzjoni kollha li kienet mitluba. (...)*."

[aa] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni jekk anki l-imgħax relatat mas-self mhux irrapportat ma kienx irrapportat, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega li: *"L-imgħax ma ġiex irrapportat peress li għal dawn is-self twettqet kontabbiltà netta."*

[bb] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni jekk waqt il-proċessi ta' konsolidazzjoni, l-OeNB użax sors ta' dejta mhux ipproċessata u riżultat wieħed ta' dak l-istess sors ta' dejta mhux ipproċessata, anki jekk żewġ sorsi ta' dejta mhux ipproċessata kienu disponibbli, l-OeNB wieġeb: "*Iva*"

[cc] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni x'azzjonijiet jittieħdu u x'informazzjoni hija skjambata mal-LRH jekk l-informazzjoni dwar is-self mill-OeBFA mhijiex identika għall-informazzjoni rrapportata mil-Länder, l-OeBFA wieġbet: *"Dan it-tagħrif mibgħut lil-LRH huwa parti mix-xogħlijiet fuq l-għeluq tal-kontijiet magħmula mil-LRH. F'dan is-sens, il-kontroverifika hija r-rwol ta-LRH, u mhux ir-rwol tal-OeBFA, li jfisser li aħna ma nwettqux kontroll doppju fuq din id-dejta. Barra minn hekk, aħna qatt ma rċevejna xi rispons mil-LRH li jiddikjara li kien hemm diskrepanzi fid-dejta."*

[dd] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni x'tip ta' informazzjoni rċieva l-LRH mill-OeBFA u kif din l-informazzjoni ntużat, ir-rappreżentant tal-LRH spjega li: *"L-OeBFA kienet qed tirċievi dikjarazzjonijiet finanzjarji minn Land Salzburg, għalhekk huma kellhom jagħmlu l-kontroverifika. (...)*."

[ee] Meta mistoqsi jekk [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] wettaqx swaps tar-rati tal-imgħax, l-eks Kap tal-LRH u l-eks Direttur tad-Dipartiment tal-Kontabbiltà wieġbu li: *"Kulħadd kien jaf li kienu qed isiru dawn it-tranżazzjonijiet swap kumplessi, b'mod partikolari l-qrati tal-awditjar u l-parlament statali."*

[ff] Matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni fit-28 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega: *"F'Lulju 2012 il-Kap tad-Dipartiment 8 [id-Dipartiment Finanzjarju] investiga xi pożizzjonijiet finanzjarji u xi tranżazzjonijiet ġew ikkanċellati."*

[gg] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni jekk l-RH tistax tipprovdi informazzjoni fuq awditi li għadhom għaddejjin lil STAT, l-RH spjegat: *"L-RH iwettaq l-awditi tiegħu skont l-istandards nazzjonali u internazzjonali. Rigward il-proċess tal-kumpilazzjoni ta' rapport, għall-ewwel kull rapport huwa ġġenerat u diskuss internament. Imbagħad l-istituzzjonijiet awditjati jiksbu l-opportunità li jikkummentaw fi żmien 3 xhur fuq is-suġġerimenti li l-RH osservat fir-rapport tagħha. Dawk il-kummenti huma rikonoxxuti u murija fir-rapporti finali u huma stess, għal darb'oħra sarulhom kummenti mill-RH. Dan kien ukoll il-każ bis-segwitu tar-rapport tal-RH li jikkonċerna lil Land Salzburg. Ir-rapport finali li kien ippubblikat fis-6 ta' Diċembru 2012 inkluda r-risponsi u l-kummenti ta' Land Salzburg. Il-kummenti minn Land Salzburg ma nkludew xejn li jindika lejn il-kwistjonijiet li ġew żvelati aktar tard, dwar il-konferenza stampa mill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg fis-6 ta' Diċembru 2012. Wara r-rivelazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, tnieda awditu ġdid mill-RH u rriżulta fir-rapport tal-RH ta' Ottubru 2013."*

[hh] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni dwar il-proċeduri segwiti mill-RH bejn il-finalizzazzjoni ta' rapport u l-pubblikazzjoni tiegħu, l-RH spjega: *"L-istituzzjoni investigata tingħata r-rapport fl-istess ġurnata li jiġi ppubblikat. Il-partijiet ewlenin jiksbu r-rapport ftit jiem qabel."*

Barra minn hekk, l-LRH spjegat li: *"Il-proċedura sħiħa hija regolata b'mod strett. Pereżempju, l-entità awditjata għandha tliet xhur biex tipprovdi l-kummenti. Ir-rapport provviżorju ntbagħat lil "Amt der Salzburger Landesregierung" għall-kummenti qabel Awwissu 2012. Ma ġie pprovdut l-ebda kumment minn "Amt der Salzburger Landesregierung", għalkemm kienu jafu li kien hemm kwistjoni. Xi persuni kienu jafu dwar il-kwistjoni iżda ddeċidew li ma jinfurmawx lill-RH."*

[ii] Matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg iddikjara li: *"Kien biss f'Ottubru 2012 li [d-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju] informana f'laqgħa tal-*

Finanzbeirat li l-portafoll li kien qed jiġi eżaminat minna kien fil-fatt parti biss mill-portafoll totali ta' Land Salzburg" u li *" L-indikaturi li ntbagħtu lill-Finanzbeirat mill-[Kap tal-Unità tal-Baġit] kienu kollha ħżiena."*

[jj] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni għala l-kwistjoni tar-rapportar ħażin baqgħet waħda interna għall-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg bejn Mejju 2012 u s-6 ta' Diċembru 2012 u b'mod aktar speċifiku għaliex l-RH, l-LRH u Statistics Austria ma ġewx infurmati, l-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg spjega: *"[id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju] ma ntervjeniex fit-tranżazzjonijiet li twettqu mill-[Kap tal-Unità tal-Baġit]. [id-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju] impjega minflok [eks impjegat tad-Deutsche Bank] li kellu l-esperjenza neċessarja. Kien biss meta [l-eks impjegat tad-Deutsche Bank] kiseb ħarsa ġenerali tat-tranżazzjonijiet - dan seħħ fit-tieni nofs ta' Ottubru 2012 - li ċertu problemi saru evidenti. Għalhekk ġie deċiż li tinstab soluzzjoni għal dawn il-problemi."*

[kk] Fir-rigward tal-istess domanda magħmula lill-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg, jiġifieri għaliex il-kwistjoni tar-rapportar ħażin baqgħet interna għall-Uffiċċju Statali ta' Land Salzburg bejn Mejju 2012 u s-6 ta' Diċembru 2012, l-eks Kap tal-LRH iddikjara li: *"Bħala kap tal-LRH ma rċevejt l-ebda informazzjoni uffiċjali, għalkemm smajt xi għajdut. Minn Settembru 'l quddiem [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] kienet ma tiflaħx u l-Uffiċċju Statali kien qed ifittex impjegat ġdid. Fl-1 ta' Settembru, l-Uffiċċju Statali kien kapaċi jimpjega impjegat ġdid. F'Novembru 2012, [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] ġiet mistoqsija [mill-Finanzreferent u d-Direttur tad-Dipartiment Finanzjarju, fil-preżenza tiegħi] jekk kienx hemm xi tranżazzjonijiet riskjużi imġarrba minn Land Salzburg u [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] wieġbet fin-negattiv. [il-Kap tal-Unità tal-Baġit] irrepetiet dan fil-parlament statali matul id-diskussjonijiet baġitarji."*

[ll] Fi stqarrija introduttorja għal-laqgħa mal-Kummissjoni fis-26 ta' Settembru 2016, STAT qalet fost l-oħrajn: "(...) *li wara li STAT saret taf b'xi problemi potenzjali bid-dejta fil-Land Salzburg (konferenza stampa tas-6 ta' Diċembru 2012), kien hemm problemi kbar biex isiru laqgħat mal-persuni rilevanti f'Land Salzburg biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni u biex tinkiseb id-dejta meħtieġa minn Land Salzburg "*

[mm] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk STAT aġġornatx il-konferenza stampa fis-6 ta' Diċembru 2012 fil-posta elettronika skambjata ma' Land Salzburg fil-kuntest tan-notifika EDP ta' April 2013, STAT spjegat: *"Aħna ma semmejna xejn dwar dan fil-posta elettronika matul l-ewwel xhur tal-2013. Ġejna f'kuntatt ma' Land Salzburg wara April 2013 biss - Notifika (...)."*

[nn] Meta mistoqsija matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni meta STAT fehmet għall-ewwel darba li kien hemm irregolaritajiet fid-dejta trażmessa minn Land Salzburg u kif STAT kienet ġiet infurmata dwar dan, STAT spjegat:*"Aħna qrajna l-istampa fis-6 ta' Diċembru 2012.F'dan il-kuntest, kellna l-ewwel laqgħa ma' rappreżentanti ta' Land Salzburg f'Mejju 2013.Minn dan aħna għarafna li jista' jkun hemm kwistjonijiet bir-rapportar ta' derivattivi u dejn tal-EDP (rapportar ta' self).Fl-aħħarnett, f'Ottubru 2013, aħna identifikajna li madwar Euro 2.1 biljun ta' dejn ma ġewx irrapportati minn Land Salzburg fil-karta tal-bilanċ tiegħu fil-passat.F'dan ir-rigward aħna wkoll kellna laqgħa - kif inti taf tajjeb - mal-Eurostat.Qabel Ottubru 2013, Land Salzburg ma kienx informa uffiċjalment lil STAT u aħna ma rċievejniex dejta aġġornata (korrezzjonijiet) mingħandhom.Huma pprovdew biss id-dejta tad-dejn ta' kull tliet xhur skont l-obbligi eżistenti ta' rapportar mingħajr ebda kumment ieħor.Barra minn hekk, l-RH qatt ma rrapportat xejn lil STAT*."

[oo]Fid-dikjarazzjoni introduttorja għal-laqgħa mal-Kummissjoni fis-26 ta' Settembru 2016, STAT iddikjarat fost l-oħrajn: *"(...) l-ewwel laqgħa [ma' Land Salzburg] seħħet biss fis-7 ta' Mejju 2013. (...) Matul din il-laqgħa, [il-Kap tad-Dipartiment Finanzjarju] assigura lil STAT li d-dejta meħtieġa għandha tintbagħat lil STAT sa Awwissu 2013."*

[pp] Fid-dikjarazzjoni introduttorja għal-laqgħa mal-Kummissjoni fis-26 ta' Settembru 2016, fost l-oħrajn, STAT iddikjarat: *"(...), il-Land Salzburg bagħat flussi biss (l-ebda stokks) f'Awwissu 2013 lil STAT. STAT użat din l-informazzjoni biex tikkompila l-patt ta' stabbiltà nazzjonali li jirrapporta t-tabelli ta' tranżizzjoni (6/7 ta' Settembru 2013). F'dak iż-żmien, il-Land Salzburg kellu d-dritt li jikkummenta fuq l- "istimi" li saru għad-dejta ta' Salzburg. Għal dan il-għan, it-tabelli ta' transizzjoni dwar id-defiċit u d-dejn intbagħtu lil Salzburg fis-17 ta' Settembru 2013."*

[qq] Matul il-laqgħa ma' STAT fis-26 ta' Settembru 2016, ir-rappreżentant tal-RH, li f'Lulju 2013 kien impjegat ta' STAT, iddikjara: *"Minħabba li d-dejta annwali finali fuq il-kontijiet magħluqa tal-Land Salzburg għas-sena 2012 ma kinitx disponibbli għall-kalkolu tal-Kontijiet Nazzjonali tal-ESA, STAT użat id-dejta ta' kull tliet xhur biex tikkompila l-Kontijiet Nazzjonali (...)."*

[rr] Meta mistoqsi matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk kienx hemm kuntatt bejn STAT u l-RH jew l-LRH qabel ma r-rapport dwar Land Salzburg ġie ppubblikat mill-RH, STAT wieġbet: *"Ma kienx hemm kuntatt mal-RH. Matul dan iż-żmien ma kien għad hemm ebda Memorandum ta' Fehim bejn STAT u l-RH*."

Barra minn hekk, l-RH spjegat li: "*Kwistjonijiet u rapporti relatati ma' awditi li għadhom għaddejjin ma jistgħux jiġu kondiviżi ma' partijiet terzi. M'hemm l-ebda possibbiltà legali għall-RH li tinforma persuni jew istituzzjonijiet oħrajn fil-każ ta' awditu kontinwu."*